# Q O R T I Ċ I V I L I
# (Sezzjoni tal-Familja)

## ONOR. IMĦALLEF
## ROBERT G. MANGION

**Illum 28 ta' Gunju 2018**

Rikors Ġuramentat Nru. 171 / 13RGM

Kawża fil-lista: 15

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat pprezentat mill-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

Illi l-partijiet izzewgu f'Malta fil-wiehed u tletin (31) ta' Marzu 1997 skont certifikat taz-zwieg u miz-zwieg kellhom tifla, D B li llum ghandha erbatax (14) il-sena u ghalhekk ghadha minorenni;

Illi l-hajja konjugali ta' bejn il-kontendenti tfarrket u tkissret irrimedjabilment u dan minhabba ragunijiet rikonoxxuti mil-Ligi, fosthom inkompatibilita' serja ta' karattri;

Illi l-esponenti ghal dawn ir-ragunijiet talbet u ottjeniet l-awtorizazzjoni mehtiega min din l-Onorabbli Qorti sabiex tipprocedi f'din l-istanza wara li tterminaw il-proceduri ta' medjazzjoni skont il-ligi u dana skont digriet numru 1630/13;

Illi peress li t-tifla minuri kienet qiedgha tibza' tghix ma' l-intimat l-esponenti kellha titlaq mid-dar matrimonjali, l-fond numru 2, Dar il-Hena, Triq l-Isturnell,

San Gwann, ghaliex is-sitwazzjoni kienet saret tali li kienet qed tibza ghas-sigurta tat-tifla;

Illli tul it-tentattivi ghar-rikonciljazzjoni din l-Onorabbli Qorti fuq talba tal-partijiet appuntat avukat tat-tfal sabiex tkun tista taghmel rapport fuq l-agir tat-tifla minuri;

Illi mhemmx lok ghar-rikonciljazzjoni u ghalhekk qed issir din il-kawza;

Illi saru diversi tentattivi ta' rikonciljazzjoni izda dawn ma tawx frott minhabba l-instiganza tal-konvenut.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali a mensa et thoro,bejn ir-rikorrent u r-rage1 taghha C B ghal ragunijiet imputabbli lill-intimat;

2. Tapplika kontra l-imsemmi intimat l-effetti tad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 45 sa 51 tal-Kodici Civili in toto jew in parte;

3. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tillikwida 1-komunjoni tal-akkwisti fi kwoti ndaqs bejniethom, u tassenja l-istess porzjonijiet kif divizi;

4. Tikkundanna lil intimat sabiex jikkonsenja lill-martu l-beni kollha dotali u parafernali taghha;

5. Tikkundanna lill-istess intimat jhallas lir-rikorrenti ghaliha u ghat-tifla minuri dik ir-retta alimentarja xierqa u adegwata lilha dovuta skont il-ligi b'dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament inkluz provvediment ghaz-zierda skont l-gholi tal-hajja u tnaqqis mill-paga ta' l-intimat li ghandhom jigu ffissati minn din il-Qorti;

6. Tawtorizza lir-rikorrenti li tirregistra, ossia li tnizzel fir-registru pubbliku s-sentenza eventwalment moghtija minn din l-Onorabbli Qorti;

7. Tawtorizza lir-rikorrenti esponenti tirreverti ghal kunjom xbubitha;

Bl-ispejjez ta’ l-intimat ingunt minn issa in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li taqra kif gej:-

1. Illi l-esponenti jaqbel li l-hajja konjugali ta' bejn il-kontendenti tfarrket u tkissret irrimedjabilment pero` mhux minhabba ragunijiet imputabbli lilu;

2. Illi mhux vera li l-attrici kellha titlaq mid-dar matrimonjali peress li minuri D B li llum ghandha erbatax-il sena kienet qieghda tibza’ tghix ma l-intimat;

3. Illi l-intimat dejjem irrispetta u habb lit-tifla tieghu u ma jistax jifhem ghala martu qieghda iccahdu minnha. Fil-fatt min meta martu qabdet u telqet mid-dar minghajr raguni huwa spicca jara lill-bintu siegha fil-gimgha fl-istabiliment tal-Mac Donalds u dan fil-prezenza tar-rikorrenti;

4. Illi ma hu vera xejn li saru tentattivi ta' rikonciljazzjoni minn naha ta' 1-attrici. Anzi l-unika talba ta' rikonciljazzjoni saret minn l-intimat meta talab lill-martu tirritorna lura fid-dar matrimonjali;

5. Illi l-intimat ghalhekk jopponi ghall-ewwel (1) talba tal-attrici ghal dik li jirrigwarda l-pronunzja tas-separazzjoni personali bejn il-kontendenti fis-sens li l-htija ghas-separazzjoni hija unikament ta' 1-attrici u dan stante li hija telqet mid-dar matrimonjali kif ukoll hija rrendiet ruhha hatja ta' eccessi, sevizzi u ingurji gravi versu l-intimat kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza;

6. Illi l-intimat ghalhekk ma jaqbilx li jigu applikati l-effetti tad-disposizzjonjiet ta' l-Artikolu 45 sa 51 tal-Kodici Civili in toto jew in parte fil-konfront tieghu skont kif qieghda titlob l-attrici fit-tieni (2) talba taghha. Fil-fatt din it-talba ta' l-attrici hija kontradetta mit-tielet (3) talba taghha stess u ghaldaqstant ma tistax tigi ikkunsidrata.

7. Illi l-konvenut jaqbel illi l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet ghandha tigi xjolta u llikwidata. Ma jaqbilx pero li l-komunjoni ta' l-akkwisti ghandha tigi maqsuma f’zewg potzjonijiet indaqs kif mitlub fit-tielet (3) talba ta' l-attrici u dan stante li ghandha tikkonsidra t-tortijiet kommessi mill-istess attrici u l-effetti ta' l-artikoli 45 sa 51 tal-Kodici Civili;

8. Illi l-attrici diga tinsab fil-pussess tal-beni kollha dotali u parafernali taghha u ghaldaqstant ir-raba (4) talba ta' l-attrici ma tistax tigi milqugha. Anzi meta telqet mid-dar hija hadet oggetti li jaghmlu parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti;

9. Illi rigward il-hames (5) talba, l-konvenut diga` qieghed ihallas r-retta alimentarja ghat-tifla tieghu. Il-konvenut jopponi pero` ghat-talba ghall-manteniment ta' l-attrici stante illi z-zwieg tkisser b'mod irrimedjabbli minhabba t-tortijiet unikament imputabbli lilha kif ukoll hija telqet mid-dar matrimonjali

minghajr raguni valida, u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza odjerna;

10. Illi l-konvenut ma joggezzjonax is-sitt u seba'talba.

11. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Ghaldaqstant l-esponenti jirrespingi il-paragrafi kollha tar-rikorrenti salv il-paragrafi sitta (6) u sebgha (7) u dan bi spejjez kontra l-attrici.

Illi finalment l-intimat jixtieq jipprevalixxi ruhu mid-dritt li jipprezenta kontro-talba kontra l-attrici.

Rat il-kontro-talba tal-konvenut li taqra kif gej:-

1. Illi huwa izzewweg lilll-esponenti f'Malta fil-wiehed u tlettin (31) ta' Marzu 1997 u miz-zwieg kollhom tifla, D B li llum ghandha erbatax (14)-il sena u ghalhekk ghada minorenni;

2. Illi l-hajja konjugali ta' bejn il-kontendenti tfarrket u tkissret irrimedjabilment u dan minhabba li r-rikonvenzjonanta telqet mid-dar matrimonjali u irrifjutat li tigi lura wara interpellazzjoni ufficjali permezz ta' ittra;

3. Illi hija rrendiet ruhha ukoll hatja ta' eccessi, sevizzi u ingurji gravi versu l-intimat kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza;

4. Illi ghalhekk ghandhom japplikaw l-effetti tad-disposizzjonjiet ta' l-Artikolu 45 si 51 tal-Kodici Civili in toto jew in parte fil-konfront taghha;

5. Illi meta telqet ir-rikonvenzjonata hija hadet lit-tifla D B;

6. Illi huwa gie imcahhad milli jara lit-tifla tieghu ghal xhur shah u ghadu sallum jigi imcahhad milli jgawdi access adegwat ma' bintu. Fil-fatt attwalment huwa ilu jara lil bintu siegha fil-gimgha fl-istabbiliment tal-Mac Donalds u dan fil-prezenza tar-rikonvenzjonata;

Ghaldaqstant, ir-rikonvenzjonata ghadha tghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex tordna:

1. Tiddikajara u tippronunzja s-separazzjoni personali a mensa et toro bejn il-partijiet ghar-ragunijiet imputabbli lilha;

2. Tapplika kontra r-rikonvenzjonata l-effetti tad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 45 sa 51 tal-Kodici Civili in toto jew in parte;

3. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet u tillikwida l-istess komunjoni tal-akkwisti f'zewg porzjonijiet – mhux necessarjament indaqs u dan stante li ghandha tikkunsidra l-effetti tad-disposizzjonijiet ta' 45 sa 51 tal-Kodici Civili in toto jew in parte u tassenja l-istess porzjonijiet kif divizi lill-partijiet skont il-kaz;

4. Tiddikjara li l-kura u kustodja ta' minuri ghandha tibqa' wahda kongunta b'access favur ir-rikonvenzjonant, liema access ghandu ikun wiehed adegwat sabiex ikun possibli lilu li jerga' jistabilixxi r-relazzjoni tieghu ma' bintu u liema access ghandu ikun wiehed mhux fil-presenza ta' l-attrici.

Bl-ispejjez kontra r-rikonvenzjonata, li minn issa hija ingunta in subizzjoni.

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tas-6 ta' Mejju 2014 fejn innominat lil Dr. Kenneth Gulia bhala Assistent Gudizzjarju bis-soliti fakoltajiet;

Rat id-digriet taghha tal-24 ta' Marzu 2015 fejn laqghet it-talba tal-attrici sabiex tipproduci bhala xhieda lit-tabib psikologu Dr. Jean Pierre Giorgio u lil rapprezentanti tal-Appogg (Domestic Violence Unit) minkejja illi dawn ix-xiehda ma gewx indikati fil-lista tax-xhieda;

Rat id-digriet taghha tal-20 ta' Ottubru 2017 fejn innominat lil Dr Marita Tabone bhala Assistent Gudizzjarju sabiex tigbor il-provi minflok Dr. Kenneth Gulia;

Rat id-digriet taghha tat-18 ta' Jannar 2018 fejn irrevokat il-hatra ta' Dr. Marita Tabone, iddikjarat l-istadju tal-provi maghluq u halliet il-kawza ghas-sentenza bil-fakolta` li l-partijiet jipprezentaw noti ta' osservazzjonijiet;

Rat id-digriet taghha tas-26 ta' Frar 2018 fejn cahdet it-talba tal-konvenut ghar-revoka tad-digriet tat-18 ta' Jannar 2018;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet ipprezentati mill-partijiet;[1]

Rat il-provi migbura quddiem l-Assistenti Gudizzjarji, kif ukoll ix-xhieda l-ohra kollha;

Rat l-atti u d-digrieti kollha taghha;

---

[1] Nota tal-osservazzjonijiet tal-attrici a fol. 175 et seq., u nota responsiva tal-konvenut tal-25 ta' April 2018.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi din hija kawza ghal separazzjoni personali b'kontro talba tal-konvenut, fejn il-partijiet jaddebitaw lil xulxin ir-responsabbilita` ghas-separazzjoni u jitlobu entrambi x-xoljiment u likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti.

**Provi**

*Verzjoni Attrici*

**L-attrici xehdet permezz ta' Affidavit**[2] fejn spjegat illi hija ltaqghet mal-konvenut fis-sena 1995 u zzewgu fl-1997. Waqt l-gherusija, il-konvenut kien qed jizviluppa bicca art li kellu u meta zzewgu, il-koppja marru joqoghdu gewwa appartament li kien ta' missier il-konvenut gewwa San Gwann fejn damu madwar tliet snin. F'dan il-perjodu l-attrici kienet tahdem *part-time* gewwa hanut f'San Gwann u tghid li hija kienet tghix bil-paga taghha ghaliex il-konvenut qatt ma taha flus biex tixtri l-affarijiet ta' kuljum.

Fit-2 ta' Frar 1999 twieldet it-tifla tal-partijiet, D, izda skont l-attrici r-relazzjoni bejn il-partijiet bdiet tmur lura. L-attrici tispjega li kienet tinnota li r-ragel taghha ma kienx iqatta' hin maghha u kien johrog bl-iskuza li kellu jiehu hsieb il-karti ta' missieru. Beda jahdem ma' kumpannija *full-time* u kien jghaddilha ftit flus biex tixtri l-affarijiet ta' kuljum.

Skont l-attrici, meta zzewgu, l-art li kellu l-konvenut qabel iz-zwieg kienet diga` mibnija izda d-dar kien ghadha gebel u saqaf. Waqt li kienu qed joqoghdu fl-appartament ta' San Gwann, ghaddew id-dawl u l-ilma, wahhlu l-madum u l-kmamar tal-banju f'din id-dar, kif ukoll xtraw hafna mill-ghamara. Dahlu jghixu f'din id-dar, gewwa 2, Dar il-Hena, Triq l-Isturnell, San Gwann fl-ahhar tas-sena 1999.

L-attrici qalet li ghalkemm kienet hi li tiehu hsieb lit-tifla fid-dar, darba meta zewgha dahal id-dar irrabbjat, qabadha minn spalltha u beda jghajjat li fid-dar hi m'ghandha xejn ghax kollox tat-tifla. Bdiet thoss barranija gewwa darha u r-relazzjoni bdiet issir iktar difficli. Tispjega kif darb'ohra kif dahlet id-dar sabet condom fl-intrata u bdew jiguha hafna hsibijiet u dubji minhabba l-atteggjament tieghu. Madanakollu tghid li ma xtaqitx tissepara ghaliex kienet thobbu kif ukoll minhabba t-tifla.

[2] Dok. MB a fol. 78 *et seq.*

Tirrakkonta wkoll kif meta t-tifla kellha sentejn, zewgha rrabja maghha quddiem it-tifla ghaliex qaltlu biex jahsel saqajh qabel jidhol fis-sodda, u qabadha minn ghonqha. F'dik l-okkazjoni ghamlet rapport l-Ghassa tal-Pulizija u marret il-Polyclinic biex tara tabib. Peress li kienet eventwalment hafritlu, il-Pulizija ma kienux mexxew kontra l-konvenut dwar dan l-incident.

Tghid ukoll li l-konvenut ma tantx kien jiehu gost meta kienet tmur tara lil ommha u kien jaghmel minn kollox biex jaqta' kull relazzjoni li kellha u ma kienx ihalliha tistieden nies id-dar. Skont l-attrici, biex johorgu mid-dar hi u t-tifla kellhom jghaddu mill-garaxx. L-attrici tghid ukoll li kienet tibza' hafna meta kienet tkun ma' zewgha ghaliex dejjem jghajjat maghha u jirredikolaha quddiem in-nies, u kienet tkun imdejqa hafna f'dan iz-zmien. Irrakkontat ukoll li l-konvenut kien jghidilha wkoll "*kemm ha nghidilha kontrik it-tifla meta tikber*".

Skont l-attrici bint il-partijiet, D, ukoll kienet tibza' minn missierha u l-konvenut kien supperv hafna maghha. Qalet li kien jghajjat fuq kollox, ghalkemm l-attrici kienet izzomm kullimkien nadif u kienet tiehu hsieb lit-tifla l-hin kollu. Meta bdiet tikber it-tifla, il-konvenut kien jghidilha li zzewwigha ghaliex thassarha.

Rigward flus, l-attrici tispjega li zewgha kien itiha flus darba fil-gimgha u dejjem irid ikun jaf x'qed jaghmel bil-flus, ghalkemm skont l-attrici hi kienet tixtri biss l-affarijiet ta' kuljum, bhal ikel u xorb u l-konvenut qatt ma hallas ghal medicina jew hwejjeg ghat-tifla u dejjem bl-inkwiet biex tiehu l-flus ghall-iskola tat-tifla.

Spjegat ukoll li meta t-tifla kellha madwar 9 jew 10 snin kienet qaltilha li rat lil missierha johrog il-parti privati tieghu quddiemha gewwa l-vann, u meta l-attrici staqsietu x'ghamel quddiem it-tifla, hu qabad jghajjat u kien ser jaqbad itiha. L-attrici tghid li marret titkellem lil tal-Appogg u lid-Domestic Violence Unit. Dak iz-zmien it-tifla kien qed ikollha hafna ugigh ta' ras u kienet haditha l-isptar biex isirulha t-testijiet u eventwalment haditha ghand il-psikjatara Dr. Jean Pierre Giorgio li fl-2010, kien hareg rapport. Qalet li ghandha relazzjoni tajba hafna ma' bintha u li bintha tghidilha kollox, u tghid li f'okkazzjoni ohra t-tifla rrakkontatilha li l-konvenut qabdilha sidirha ghalkemm l-attrici qatt ma rat xejn ghax skont hi l-konvenut kien jaghmel kollox wara daharha.

Wara dawn l-episodji kollha l-attrici tghid li gharfet li kellha titlaq mid-dar. Talbet l-ghajnuna tal-Agenzija Appogg biex taghmel dan, u marret tghix bit-tifla, li f'dan iz-zmien kienet ghaddejja minn zmien difficli, gewwa Dar l-Ghabex f'Santa Venera. Damu jghixu hemmhekk tliet xhur. Wara, l-attrici u bintha marru jghixu ma' omm l-attrici sakemm fl-ahhar, hija kriet appartament gewwa l-Qrendi ghaliha u ghat-tifla. L-attrici spjegat li hija tghix bil-beneficcji socjali u tahdem xoghol part-time.

**Xehdet ukoll omm l-attrici, Maria Lourdes Mifsud**, permezz ta' Affidavit[3] mahluf fl-20 ta' April 2012 fejn qalet li meta l-konvenut kien staqsiha biex izewweg lit-tifla taghha A, hu kien assigurah li ser jiehu kollox f'idejh. Tghid li ghall-bidu z-zwieg kien jidher li sejjer tajjeb izda l-konvenut qatt ma kien jaghti flus lil bintha ghaliex gieli kienet tmur ghandha titlobha l-flus u hi kienet ittiha mill-ftit li kien ikollha. Ix-xhud tispjega wkoll li meta D kellha tliet snin u nofs, Lina harbet mid-dar bit-tifla ghaliex zewgha kien ipprova jifgaha. Hi kienet marret mal-konvenut biex ifittxuha u marret l-Ghassa tal-Pulizija fejn ikkonfermawlha li bintha kienet ikkuntattjat lill-Pulizija u kienu baghtuha l-Polyclinic ghaliex kellha grif f'ghonqha. Lill-konvenut il-Pulizija qalulu biex ma jitlaqx mill-Ghassa ghaliex inkella jarrestawh. Kompliet tghid li bintha l-attrici marret id-dar taghha l-Qrendi bit-taxi wara l-Polyclinic, u x-xhud ratilha xi grif f'ghonqha. Izda peress li kienet thobb lill-konvenut qiesu binha, ix-xhud tatu cans iehor u qaltlu biex ma jergax jaghmel xi haga simili.

Ix-xhud issoktat tghid li l-problema ta' flus baqghet hemm, billi l-konvenut kien iqassam il-flus lil bintha tliet darbiet fil-gimgha u l-attrici baqghet tmur ghandha titlobha l-flus. Spjegat kif darba minnhom, il-konvenut waqa' minn go xi gallarija u kien kwazi ser imut. Kien dam gimghatejn jew tlieta l-ITU, u gimgha ohra l-isptar. Dak iz-zmien ix-xhud kienet zammet lil D ghandha, biex l-attrici setghet toqghod mal-konvenut l-isptar, izda tghid li ghalkemm bintha ghamlet sagrificcju kbir biex toqghod mieghu, il-konvenut xorta kien jghajjarha li kienet tibki l-biki tal-kukkudrilli.

Ix-xhud tirrakkonta wkoll kif meta l-konvenut ghamel satellita fid-dar taghhom, it-tifla D kienet tmur tigri d-dar biex tara t-television u darba minnhom, iltaqghet ma' xi programm tal-adulti u nfaqghet tibki tghajjat ghal ommha. Skont ix-xhud, l-attrici kienet cemplet lil zewgha biex jibghat lil xi hadd halli jigi jirranga. Dakinhar l-attrici marret ghand ommha d-dar u kien mar ukoll il-konvenut li ghamel storbju shih wara l-bieb ta' barra taghha, jidghi kemm jiflah u joffendi lill-genituri tieghu, u dan semplicement ghaliex Lina kienet cemplitlu waqt li kien qieghed xoghol. Ix-xhud spjegat kif it-tifla D kienet qieghda tghajjat u tghid li l-konvenut kien ha joqtolha tant kemm kien qed jghajjat. Meta x-xhud rat kif it-tifla kienet imbezza' minn missierha, hi qaltlu biex ma jmissx lit-tifla tieghu u hu wegibha li mhux ser imissha.

Spjegat ukoll kif recentement, Lina regghet harbet mid-dar u ghamlet tliet xhur tghix fix-shelter f'Santa Venera, ghaliex qabdet lill-konvenut jittanta u jbabas lit-tifla taghhom D u kien hawnhekk li, skont ix-xhud, hija rrealizzat ghaliex it-tifla kienet tant imbezzgha minn missierha u ghaliex qatt ma raqdet wahedha izda dejjem ma' ommha. Ikkonkludiet billi qalet li Lina qieghda tghix mal-gharusa ta'

---

[3] Fol. 69.

huha ghaliex m'ghandhiex fejn tmur u ma tistax tigi tghix maghha ghaliex baqghalha tliet guvintur maghha fid-dar.

**Xehdet Maria Russo social worker fi hdan l-Agenzija Appogg**, quddiem l-Assistent Gudizzjarju[4], dwar il-kuntatti li kellha mal-attrici, l-ewwel wiehed fis-7 ta' Settembru 2009 fejn ghamlet diversi allegazzjonijiet dwar zewgha l-konvenut, senjatament dwar kontroll fuq flus, abbuz fiziku u abbuz emozzjonali. Spjegat li kienet hi li ghenet lill-attrici titlaq mid-dar u tidhol f'wiehed mix-shelters tal-Agenzija Appogg ghaliex kienet qalet lix-xhud li tibza' mir-ragel taghha. Ix-xhud qalet ukoll li ghalkemm l-attrici wrietha x-xewqa li tibda proceduri ghal separazzjoni personali, ma xtaqitx tibdihom waqt li kienet ghadha tirrisjedi fl-istess dar ma' zewgha. Tghid li qatt ma kellmet lit-tifla tal-partijiet, D, ghaliex il-kura u kustodja taghha kienet kongunta u ghalhekk kien jehtieg il-permess tal-missier. Ma cemplitix lill-konvenut ghaliex inkella kienet tpoggi lill-attrici f'perikolu galadarba kienet qed taghmel allegazzjonijiet kontrih.

Skont ix-xhud, hi kienet tmur ix-shelter u kienet tara s-sitwazzjoni tal-attrici li informatha li dak iz-zmien kienu mexjin bil-proceduri tas-separazzjoni. Tghid illi l-attrici telqet mix-shelter fl-14 ta' Settembru 2010 wara li kienet dahlet hemmhekk fl-14 ta' Lulju 2010. Ix-xhud qalet ukoll li baqghet issegwi l-kaz tal-attrici wara dan u l-kaz inghalaq fis-6 ta' Mejju 2011.

Fejn jirrigwarda abbuz finanzjarju, ix-xhud spjegat li l-attrici kienet tallega li r-ragel kien qed jikkontrolla l-mod kif itiha l-flus bhal per ezempju kien itiha €46 it-Tnejn, €23 l-Erbgha u €23 il-Gimgha, liema dettalji jinsabu mfissrin fir-rapport taghha Dok. MR1.

**In kontro-ezami**, ix-xhud Maria Russo qalet li mis-sena 2009 sas-sena 2011 meta nghalaq il-kaz, hija ma tkellmitx mal-konvenut ghaliex ma jaghmlux xoghol ta' Pulizija jew ta' investigazzjoni izda qeghdin hemmhekk biss biex jaghtu appogg. Tghid li bhala social worker hija tahdem fuq il-perspettiva femminili tal-allegata vittma u taghmel assessment u mill-assessment tara hemmx xi tip ta' abbuz, xi tip ta' kontroll u fil-kaz tal-attrici kienet konsistenti fl-allegazzjonijiet li ghamlet. Matul is-snin baqghet tallega li kienet qed issofri dan l-abbuz li spejgat iktar qabel. Kienet konsistenti fis-sens li ma kienetx tibdel diskors.

Ix-xhud qalet li hi ma ratx marki fuq l-attrici ghaliex meta marret tkellimha fis-sena 2009 ir-ragel kien waqaf minn dawn 1-abbuzi fuqha peress li xi zmien qabel hija kienet ghamlet rapport l-Ghassa tal-Pulizija u minn wara li sar dak ir-rapport ir-ragel ma baqax juza 1-abbuz fiziku fuqha. Ix-xhud qalet li ma

[4] Seduta tat-13 ta' Mejju 2015.

tafx id-data tar-rapport li ghamlet l-attrici lill-Pulizija izda wara t-2009 kien hem zewg tipi ta' abbuzi iehor, cioe` l-abbuz tal-flus u l-abbuz emozzjonali.

Ix-xhud qalet ukoll li skont l-attrici, il-konvenut kien itiha mitt euro fil-gimgha izda ma tafx jekk kienx itiha wkoll biex thallas il-kontijiet tad-dawl u ilma u xirjiet ta' ikel, izda tghid li l-attrici infutmatha li kien ikollha bzonn iktar flus rigward xi medicina kien jinqala' hafna argumenti ghax ma kienx itiha flus ghal medicina li kien ikollha bzonn ghalkemm ma qaltilhiex kemm il-darba kienet tmur ghand it-Tabib. Kien ikun hemm argumenti rigward flus ghal dawn il-medicini.

Ix-xhud spjegat ukoll li l-attrici allegat li l-konvenut kien jiksirha quddiem in-nies u kien hemm allegazzjoni wkoll li t-tifla D kienet qaltilha li missierha kien missilha sidirha. L-attrici qaltilha li kienet ikkonfrontat lir-ragel taghha u huwa qalilha li kien qieghed jiccajta izda hi kienet imwegga' b'din il-haga. Skont ix-xhud, l-attrici allegat ukoll li jekk ikunu hergin u jkunu qeghdin jiehdu pjacir jekk kien hemm xi raguni ghalfejn ir-ragel irid jitlaq, kienu jitilqu. Qalet ukoll kif l-attrici lmentat li l-konvenut kien ikun gharwien id-dar u D, li kienet ghadha taht l-eta`, kienet tkun prezenti. Din hija haga li skont ix-xhud, l-attrici semmitilha diversi drabi u qaltilha li kienet kelmet lir-ragel taghha wkoll fuq din il-kwistjoni. Ix-xhud issoktat tghid li lill-attrici l-konvenut qalilha li ma kien qed jaghmel xejn hazin li joqghod gharwien quddiem it-tifla, pero` hi setghet tara li l-attrici kienet fastidjata b'dan il-komportament.

Ix-xhud spjegat ukoll li fl-ewwel session li hija rat lill-attrici, kien hemm it-tifla D prezenti u meta t-tifla semghet li x-xhud kienet ser tnizzel is-social workers tal-child protection, hija ghamlet tantrum shiha ghax qalet li kienet qed tibza' minn missierha. Ix-xhud qalet li f'dak il-punt hija ma komplietx tikteb. Hija insistitet fuq il-workers tac-child protection peress li l-attrici qaltilha li hija kienet se tiehu hsieb li dawn 1-affarijiet ma jibqghux jinqalghu quddiem it-tifla pero' mbaghad regghet marret id-dar bit-tifla. Ix-xhud tghid li fehmet li ma kellhiex tkompli ddahhal ic-child protection services f'din is-sitwazzjoni taghha u ma infurmatx lill-Pulizija dwar il-kaz ghaliex l-attrici qaltilha li kienet se tiehu hsieb hi illi dawn l-incidenti ma jkomplux jinqalghu minhabba illi D kienet qeghda tghid illi kienet qieghda tibza' minn missierha. Ix-xhud tghid ukoll li din kienet l-unika okkazjoni li l-attrici qaltilha fuq din haga. Dan kien fl-2009 u sal-2010 l-attrici kienet qed tghix taht is-saqaf tar-ragel taghha tad-dar matrimonjali. Dak iz-zmien l-allegazzjonijiet taghha kienu fuq abbuz finanzjarju u emozzjonali.

Ix-xhud spjegat illi jekk ikun hemm element ta' biza' ic-child protection ikunu se jinfurmaw lil missier u dik l-attrici ma xtaqithiex ghaliex is-sitwazzjoni kienet se tiggrava jekk se jigri hekk. Ix-xhud tghid li hijwa emmnet is-

sitwazzjoni tal-attrici peress li kienet konsistenti u ma bidlitx id-diskors taghha matul dan iz-zmien li jiena kont maghha. Ir-raguni ghalfejn l-attrici ma ghamlitx rapporti mal-Pulizija kien minhabba dak l-element ta' biza.

Issoktat tghid li wara li kienet ghamlet ir-rapport fl-2009, l-attrici regghet marret id-dar. Qaltilha wkoll li hija f'dan il-perjodu ma kienitx tahdem u meta talbet lir-ragel biex tmur tahdem ghax xtaqet illi thallas xi lezzjonijiet taz-zfin ghal D, ir-ragel qalilha li ma jridhiex li tmur tahdem. Mistoqsija jekk is-section tad-domestic violence ta1-Appogg fejn tahdem ix-xhud kellmux lil C B, wiegbet li ma kellmuhx u lanqas lit-tifla. L-unika okkazjoni li kellmet lit-tifla kienet proprju fl-okkazzjoni li qed tixhed dwarha meta l-attrici qaltilha dawn 1-affarijiet fil-presenza tat-tifla taghha. Ix-xhud esebiet in-notamenti li xehdet fuqhom bhala Dok MR 1.

**Xehed ukoll il-Psikjatra Dr. Jean Pierre Giorgo**, prodott mill-attrici, quddiem il-Assistent Gudizzjarju[5] li spjega illi huwa kien gie mistoqsi minn Doriette Soler li hija pediatric neurologist biex jara lill-minuri D B L-ewwel darba li raha kien fl-25 ta' Awwissu 2009 fuq ilment li kien qed ikollha hafna ugiegh ta' rasijiet u kienet tkun imdejqa. L-ewwel session kienet attendiet ma' ommha u missierha pero` mill-ewwel kienet ppreferiet illi tarani fil-presenza ta' ommha biss. Skont ix-xhud, dak li hareg mill-istorja kif qaluha lilu t-tifla u l-attrici li kien hemm evidenza ta' vjolenza domestika mhux b'aggressivita fisika izda b'aggressivita verbali.

Ix-xhud spjega li fis-session beda jistaqsi lill-minuri tridx li hu jittakilja lill-genituri pero` hija rrifjutat illi titkellem mal-missier dwar dan li qed jixhed u ghalhekk hu rrakkomanda lill-genituri li jgibu support mill-Agenzija Appogg. Iccekkja wkoll l-IQ tal-minuri li mit-test irrizulta li kien baxx u anke fl-iskola l-minuri ma kienx qed ikollha performance kif wiehed kien jistenna. Ix-xhud qal ukoll li mbaghad beda jissuspetta l-kundizzjoni ta' "attention deficit disorder" fejn wiehed ikollu problema sabiex jikkoncentra u allura jkun qed ibati b'mod akkademiku. Jghid li gieli jkun hemm problemi ta' imgieba pero` fil-kaz tal-minuri ma kienx hemm behavioural problems.

Ix-xhud qal li fil-11 ta' Awwissu 2010 it-tifla marret il-klinika privata tieghu u ghandu nnotat "*that father used to touch her inappropriately by brushing hand against her breast and bottom and at times exposed himself in front of her.*" "*But he never attempted to undress her or make her do sexual things to him or try to do sexual things to her or undress her*." Meta x-xhud staqsa lill-attrici u lill-minuri sabiex fil-kaz jinformaw lill-Appogg fejn kienu diga` qed

[5] Seduta tas-17 ta' Gunju 2016.

jattendu, qalulu illi huma kienu diga` nformawhom b'din is-sitwazzjoni. Dak iz-zmien meta l-minuri qaltlu dan id-diskors, hija kellha hdax il-sena.

Ikompli jghid li sadanittant, il-genituri sseparaw u mill-lat ta' depression il-minuri kienet marret ghall-ahjar u ghamlu zmien twil fejn ta treatment lill-"attention deficit disorder." Fis-sena 2014 beda jirrizultali li meta l-minuri kienet tasal ghall-ezamijiet kienet tibda tippanikja u jibda jkollha l-ansjeta` It-tabib tal-familja kien kitbilha medicine jisimhom "Stressam" peress li kienet qed tkun haga repettitiva li l-minuri kienet qed tkun ansjuza minhabba l-ezamijiet. Ix-xhud qal li huwa kien bdielha anti-depressants minhabba l-ansjeta` u l-ahhar li ltaqa' maghha l-clinic kien f'Mejju 2016 fejn il-minuri ma bdietx tittollera l-anti-depressants u baqghet sejra tajjeb minghajrhom ghalkemm tinkwieta ftit u qeghda fuq ir-retiline ghall-attention deficit disorder.

Ix-xhud spjega li kien hemm zewg issues dwar il-minuri: kien hemm l-ansjeta` u d-depression, u kien hemm l-attention deficit disorder. L-aktar haga inkwetanti fil-bidu kienet l-ansjeta` u d-depression u kienet ir-rizultat tas-sitwazzjoni d-dar, izda wara li sseparaw il-genituri, l-ansjeta` u d-depression telqet u giet ahjar u hu baqa' jittratta l-attention deficit disorder biex jghin it-tifla fl-iskola. L-ansjeta` tal-ahhar ma hargitx minhabba s-sitwazzjoni matrimonjali imma minhabba l-ezamijiet.

**In kontro-ezami Dr. Giorgio qal** li wara li ra lill-minuri fl-25 ta'Awwissu 2009, raha wkoll f'Settembru 2009, f'Novembru 2009, f'April 2010 u sadanittant kien anke beda jaraha l-psikologu u baqghu jarawha regolarment kull sena. Hija giet privat fl-11 Awwissu 2010. Spjega li t-tifla kienet maghluqa hafna u quddiem il-genituri ma riedet tghid assolutament xejn u peress li kienet minuri, huwa beda jiddejjaq li jaraha wahedha izda mbaghad ftiehmu li missierha johrog mill-kamra. Sussegwentement l-aktar li giet il-minuri kien mal-attrici u mbaghad gie xi darba jew darbtejn ohra l-konvenut izda huwa dejjem stenna barra. Ix-xhud qal li quddiem il-konvenut il-minuri kienet tibza' titkellem u quddiem l-attrici ma kienetx taqbad u titkellem lanqas. Il-minuri qaltlu dwar l-abbuz meta giet u privat fl-11 ta' Awwissu 2010 u mhux qabel, u meta semmielha li ser idahhal lill-genituri kienet turi biza' kbira. Sat-2010 ix-xhud jghid li kien taht l-impressjoni li se jindirizza sitwazzjoni ta' domestic disharmony.

Ix-xhud spjega wkoll li qabel marret tarah privat il-minuri, hu kien diga` ssuspetta li kien hemm xi haga li ma kinitx qed tghidlu izda ma kellu ebda hjiel li gejja allegazzjoni ta' sexual abuse. L-impressjoni tieghu kienet li l-konvenut bhala missier kien dominanti u controlling u li l-minuri kienet tibza' hafna minnu u li kien ikun hemm il-glied id-dar. Wara l-ewwel darba li mar

ghandu l-konvenut, forsi mar darb'ohra izda kien stenna barra, u dan ghax it-tifla D ma kinitx tiehu pjacir li jkun fil-kamra. Lill-konvenut qatt ma kkonfronatah fuq din l-allegazzjoni.

Ix-xhud kompla jghid li darba minnhom f'Settembru 2009 huwa nnota li l-attrici u l-minuri kienu marru l-Appogg ghall-ghajnuna u ghamel *"nota bene" "the father is not aware of this*." "*Discussed with father and D that father attends at next visit*." Izda ma kellux iktar inkontri mal-missier galadarba kienu qed jitkellmu mal-Appogg. Ghandu notament iehor tad-29 ta' Settrembru 2009 "*when Marisa from Appogg suggested legal aid, both mother and daughter were very reluctant to take things forward despite both wanting to leave father*." Ix-xhud ikkonferma li huwa qatt ma tkellem mal-Appogg dwar dan il-kaz u private sessions mal-attrici wahedha qatt ma kellu lanqas ghaliex il-pazjenta tieghu hija t-tifla li jaraha fl-intellectual disability clinic.

*Verzjoni Konvenut*

**Il-konvenut C B xehed permezz ta' Affidavit**[6] fejn spjega illi hu u l-attrici damu gharajjes xi sentejn u meta kien ghadu guvni kien qed jibni d-dar li llum joqghod fiha, u meta gew biex jizzewgu, din id-dar kienet kwazi lesta. Kull ma kien ghad fadal kien l-ghamara u l-madum ghaliex it-tibjid, dawl u ilma u l-aperturi kienu lesti. Skont il-konvenut, ix-xoghol li kien fadal ma setax ikompli jaghmlu ghaliex kienu spiccawlu l-flus u ma riedx jidhol fid-dejn. Jghid li martu ma harget ebda flus ghad-dar. Peress li d-dar ma kienetx abitabbli meta l-koppja zzewgu, huma marru joqoghdu go flat li kien ser jikri missieru. Izzewgu fis-sena 1997. It-tieg thallas minn depozitu zghir li kienet harget l-attrici u hu kien hallas il-kumplament tal-ispejjez.

Qabel iz-zwieg kellu zewg vetturi, wahda Marina u 1-ohra Cortina. Dak iz-zmien kien lavrant ma' certu Carmenu Vella u l-mara kienet waqfet tahdem qabel izzewgu. Flus hi ma kellhiex. Wara iz-zwieg hija kienet iddecidiet fil-bidu li tahdem part time go hanut fejn ghamlet ftit xhur, pero` hi minn dak li kienet taqla' qatt ma ikkontribwixxiet xejn lejn il-familja u jghid li l-flus kienet izzommhom kollha hi u hu kien ihallas dak kollu li ghandu x'jaqsam mal-hajja ta' kuljum u kien jaghti wkoll flus lilha sabiex hi tkun tista' tixtri dak li jkun hemm bzonn. Apparti li kien jaghtiha l-flus ghall-hajja ta' kuljum, il-konvenut jghid li xorta wahda kien jixtri ikel u xi bzonnijiet.

Il-konvenut xehed li wara xi sena zwieg, missieru kien ta lilu u lil hutu somma flus kull wiehed, circa Lm7,000 u bihom hu kien xtara l-madum tal-post u hallas

[6] Fol. 131 *et seq.*

xi kontijiet tax-xoghol li kien sar fid-dar bhad-dawl u kisi. Missieru gie nieqes fis-sena 1998 hekk kif sar jaf li l-mara kienet tqila. Jghid ukoll li missieru kien hallilhom ukoll xi flus u meta gew biex jaqsmu l-wirt, lilu messu ghaxart elef Lira (Lm10,000) li bihom kompla jlesti d-dar, xtara parti mill-ghamara bhal kcina u xtara trakk tal-ghamla Bedford. Il-flat li huma kienu joghqodu fih mess lilu wkoll bil-wirt ta' missieru, u peress li bhala proprjeta` immobbli kien ha inqas minn hutu, hutu kienu hargu somma flus u minnha kien messu xi disat elef Lira (Lm 9,000). B'din is-somma hu xtara trakk iehor tal-ghamla TL.

Meta kienu ghadhom joqghodu fil-flat kienet twieldet it-tifla D.

Skont il-konvenut, ommu kienet tathom ukoll xi haga tal-flus mill-wirt ta' missieru, xi Lm 6000, u b'dawn il-flus huwa kien biddel il-Marina ma' Mercedes 124 u kien rama it-trakk TL b'hi-up li kien gieh jiswa xi Lm14,000. Fl-ahhar ommu kienet tathom ukoll xi Lm10,000 u b'dawn il-flus huwa kompla jlesti d-dar u dahlu jghixu fiha. Il-flat ghadu ghandu sal-lum.

Qal li l-vettura Cortina kien beighha xi Lm200 ghax kienet hadet in-nar u l-Mercedes illum ghadha ghandu izda bi hsara u iggaraxxjata. It-trakk TL kien bidlu ma' vann tal-ghamla Kama u dan il-van bidlu ma' vann iehor Isuzu.

Bhala relazzjoni fiz-zwieg il-konvenut qal li kellu jissappporti hafna affarijiet li kienu jdejquh izda biex izomm il-kwiet kien joqghod hafna lura. Jghid li l-attrici kienet taqbad mieghu u tallega affarijiet li ma kienx ikunu vera, per ezempju darba minnhom minhabba l-inkwiet li kienet taqla fuq allegazzjonijiet taghha, huwa waqa' kwazi tlett sulari gholi wara li l-attrici kienet cemplitlu meta kien xoghol u allegat li kien ghamel il-bzonnijiet tieghi mal-art. Dan ma kienx vera ghax kien joqghod dejjem attent li ma jhammigx. Isemmi wkoll okkazjoni meta kien 1-isptar wara l-incident li semma, u kien qed jitlef ghajn wahda. Kien ghamel appuntament fl-10:00am ma' specjalista ta1-ghajnejn u fil-ghodu talab lill-attrici takkumpanjah ghall-appuntament, izda x'hin hargu barra qaltlu li mhux se tigi ghax kienet se taqbad ix-xita u kellu jmur wahdu. Filghaxija, l-attrici harget wahedha tas-Sliema fix-xita, u dak iz-zmien hija kienet tmur spiss timxi Tas-Sliema.

Il-konvenut qal ukoll kif wara xi gurnata xoghol fil-gebel, martu mhux l-ewwel darba li kienet tallega li kien hadilha l-mobile taghha u hbiehulha, haga li skont hu ma tistax tkun peress li kien ikun xoghol. Kien icempel fuq in-numru taghha dak il-hin u kien jisma' l-mobile taghha iddoqq jew fil-washroom jew f'xi kamra ohra fejn kienet thallih.

Il-konvenut jghid li ma jafx jikteb u kien jitlob lil martu tiktiblu xi notament fuq ix-xoghol li kien jaghmel izda r-risposta taghha kienet tkun: qabbad skrivana.

Meta kien imorru jieklu s-Sibt, l-attrici kienet tiekol hi u t-tifla u titlaq fil-karroza u dan anke jekk ma ikollhomx argumenti. Darb'ohra kienu mexjin Bugibba, wegghatu siequ u beda jzappap ftit, u meta dar lemah lill-attrici timitah u ggieghel lit-tifla taghmel bhalha.

Il-konvenut spjega wkoll li fejn tidhol it-tifla ma kien hemm xejn li seta' jaghmel: ommu ma setatx tbus it-tifla, hutu ma setghux jersqu lejha u hu bil-kemm kienet thallini joqghod hdejha. Jekk se jbus it-tifla l-attrici kienet tghidlu le ghax se jimliha bil-bzieq. Allegat li huwa abbuza mit-tifla izda skont hu din hija gidba fahxija u ma jistax jifhem ghaliex l-attrici qed taqla' din 1-allegazzjoni. Jispjega li minn mindu t-tifla kellha tlett snin, l-attrici bdiet tbieghdu minnha u 1-attitudni taghha ma setax jifhimha, tant u hekk li kien gab gidja zghira id-dar u meta hi kienet toqghod tilghab maghha hu kien iqatta' xi hin mat-tifla. Jghid li kieku vera li abbuzza mit-tifla ma kinietx se thallih wahdu maghha.

Spjega wkoll kif darba meta gab lil ommu d-dar ghal siegha, l-attrici allegat li ommu serqet il-bottle tat-tifla. Dak iz-zmien ommu kellha 88 sena. Wara tlett ijiem dan il-bottle instab ghax rah, u l-attrici kienet ghamlet tlett ijiem teqred fuq dan il-bottle izda qatt ma qaltlu li nstab. Jirrakkonta wkoll kif darba minnhom xi tlett snin qabel l-attrici telqet mid-dar, il-konvenut kien qieghed fil-garaxx tieghu jiknes ghall-habta tal-5:00pm u gie ragel li jaf li hu mill-Qrendi, u dan qabad u dahal gol-garaxx, fetah il-bieb li jaghti ghad-dar u baqa' tiela 'l fuq fejn kien hemm l-attrici. Skont il-konvenut, dan ir-ragel rega' nizel wara xi tlett kwarti, hareg barra, saq il-karozza u rega' gie lura u rega' telaq fuq. Ftit tal-hin wara dan ir-ragel rega' nizel u telaq u lill-konvenut meta rah qallu "hawn all right" u telaq. Il-konvenut jghid li meta kien staqsa lill-mara x'gie jaghmel id-dar dan ir-ragel, hi kienet qaltlu li ma tafx min hu u hu kien irrimarkalha dwar il-kunfidenza li kellu r-ragel biex jaqbad u jidhol go daru minghajr lanqas biss ikellimni. Il-konvenut qal li kien jara lil dan ir-ragel xi drabi ghand omm l-attrici meta 1-attrici kienet tkun hemm. X'jismu dan ir-ragel ma jafx ghax qatt ma kellmu.

Il-konvenut xehed ukoll li ghalkemm kien jiehu gost jiehu lil martu mieghu meta kien ikollu xi qadja, hi qatt ma kienet tkun lesta u kienet dejjem thallih jistenna anke meta kienu johorgu.

Qal ukoll li darba, lejliet l-Imnarja, meta kien qed ibaqqan il-hajt ghax ried jinkesa, marret fuqu l-attrici u qaltlu li sejra 1-Imnarja dak il-hin u kienet se titlob lil gar certu Leli sabiex jehodha hu. Jghid li l-attrici qatt ma kienet marret 1-Imnarja. Qal ukoll li wara li jkun lesta l-kisi u bajjad, kien jara lill-attrici taghmel saqajha mal-hajt.

Jghid li l-akbar glieda li qalghet l-attrici kienet rigward zijitha li kienet Malta u 1-mara qaltlu biex imorru jarawha sejra 1-ajruport ghax kienet se ssiefer. Hu kien qalilha iva izda x'hin mar id-dar bdiet tghajjat li mhux se jilhuqha u ggieldet mieghu. Huwa inhasel malajr u marru rih lejn 1-arjuport biex jilhqu lil zijitha qabel issiefer izda ma lahquhiex ghax zijitha kienet ilha li telqet minn Malta xi erbat ijiem qabel.

Darba huh Bertu ghamel party id-dar tieghu, kienu fuq il-bejt jiehdu pjacir, meta l-mara qabdet u marret faccata tal-bejt thares 'il barra u wara ftit tal-hin, qabdet it-tifla u telqet id-dar bil-mixi ghax ma kienx hemm boghod. X'hin il-konvenut induna li telqet, hu mar id-dar u l-attrici qaltlu li telqet ghax kienu lesti.

Meta ommu dahlet 1-isptar, hu xtaq imur hdejha, kien il-Hadd u l-attrici marret mieghu, izda kif dahlu hdejn ommu qaltlu li hi sejra. Ma riditux iwassalha ghaliex qaltlu li kellha biex tmur ghax kienet sejra b'tal-linja. Dakinhar ommu mietet u mar icempel lill-mara sabiex jghidilha, u hi kemm qaltlu "allura?"

Il-konvenut qal li fadal hafna episodji bhal dawn. Hu ma kienx jiggieled mal-attrici ghax kien jaf li mohhha ma kienx mija fil-mija izda xorta wahda kienet martu. Jghid li mhux tort tieghu li z-zwieg tkisser izda kien minhabba l-attrici li spiccaw kif spiccaw u fil-fatt hi telqet mid-dar meta minghalih l-affarijiet kienu sejrin tajjeb u kienu sejrin tajjeb flimkien.

**Quddiem l-Assistent Gudizzjarju l-konvenut kompla jixhed** li sabiex jaqla' flus ghall-familja kien rama' trakk biex jahdem fix-xoghol tar-ramel ghal rasu. Jghid li nefaq flus fi trakk u ghamajjar tad-dar. Biex jixtri l-ghamara dejjem kien jiehu mieghu lil martu biex jaqblu kif ghandhom jixtruha, izda meta l-ghamara kienet tasal id-dar hi kienet tibdilu hafna kwistjonijiet fuq dak li kienu ordnaw.

Jghid li s-sett tas-sodda li ghandu d-dar kien xtraha bil-flus li kien wiret minghand missieru. Huwa wiehed fost erbatax-il ahwa u wiehed minnhom kien miet. Inqala' l-inkwiet anke fuq posumbrella li kienu ordnaw ghax l-attrici kienet tmerih li mhux hekk ordnawha imma mod iehor, l-istess fuq it-twieqi li hemm fit-tarag li l-attrici ma ridithomx ovali. Il-konvenut xehed ukoll li ghandu delizzju taz-zwiemel izda ma kienx imur ghax dehrlu li ghandu jibqa' d-dar jiehu hsieb il-familja.

**In kontro-ezami, l-konvenut xehed** li meta zzewgu kien talab flat lil missieru u mar joqgohd ma' martu gewwa flat in-Naxxar ghaliex sadanittant il-post tal-Kappara ma kienx ghadu lest. Ma kienx gebel u saqaf biss izda kien lest izjed, ghalkemm ma kienx hemm imwahhlin affarijiet. Il-kmamar tal-banju kienu ghadhom mhux lesti izda l-madum tad-dar kien lest kollu. Jghid li ma marrux joqoghdu fil-post tal-Kappara mill-ewwel ghaliex ma kienx ghad hemm il-

poggaman u kien jibza' li jintuza t-tarag fil-post tal-Kappara, u anke ghaliex ma kienx finanzjarjament tajjeb dak iz-zmien.

Jikkonferma li l-attrici xtrat il-kamra tas-sodda biss u applicances ghad-dar. Jghid ukoll li lill-attrici kien qalilha li tista' tieqaf mix-xoghol ghaliex raha dispjacuta u fil-fatt waqfet. Jghid ukoll li l-attrici harget xi haga tal-flus ghat-tieg u ghad-dar mill-flus li qalghet mix-xoghol taghha, izda dawn kienu affarijiet zghar. Jichad li kienet l-attrici li kienet tixtri detergents u xirjiet ghad-dar mill-flus tax-xoghol *part-time* li kienet taghmel fil-bidu taz-zwieg, u jghid li dawn kien ihallashom hu u ma jafx kif l-attrici kienet tonfoq il-flus li kienet taqla' mix-xoghol taghha.

Rigward l-incident li kellu fuq il-post tax-xoghol meta waqa' minn tliet sulari gholi wara li kienet cemplitlu l-attrici, il-konvenut jispjega li l-attrici kienet cemplitlu xi siegha qabel waqa' u ghamel dik is-siegha jiddispjacih minhabba l-argument li kellhom fejn skont hu, l-attrici akkuzatu li hammeg l-art fid-dar, haga li jghid li mhux minnu. Qal li huwa baqa' mhawwad hafna u ghalhekk waqa', izda ma waqax tort tal-attrici.

Rigward l-incident tac-cwievet, jinsisti li huwa cert li c-cwievet kien tahom lill-attrici u jichad li kien tefa' c-cwievet huwa stess fil-baskett taghha. Mistoqsi dwar l-appuntament li kellu mal-ispecjalista tal-ghajnejn, il-konvenut jichad li dak iz-zmien kien qed isuq bil-gibs u xehed illi filghodu mhux veru li kien se taqbad ix-xita, filwaqt li filghaxija xita rxiex biss kienet ghamlet.

Il-konvenut xehed ukoll li l-attrici ma kinitx trid tghinu f'xoghlu ghalkemm kien jitlobha u ghalkemm ma kienx jaf jikteb. Mistoqsi allura kif kien izomm il-kotba tax-xoghol tieghu jghid li kien joqghod attent li meta jithallas jghid li huwa lest u kien izomm rendikont fuq bicca xoghol zghira. Kellu l-metodu tieghu billi jzomm notament tan-numru tat-telefon fuq cards li kien ikollu, ghaliex il-figuri jaf jiktibhom izda jikteb ma jafx.

Kompla jghid illi flimkien mal-mara gie li kien imur f'xi bars fejn imorru familji, u l-mara kienet thobb tmur f'xi bars Ta' l-Ibragg. Jichad li martu kienet titlaq ghaliex it-tifla kienet tkun bin-nghas, u jghid li t-tifla kienet tkun imqajma u kienet tigrilu fuq il-bankina.

Rigward ir-ragel mill-Qrendi li rah diehel go daru, il-konvenut jikkonferma li dan ir-ragel kien gie, tela' fuq fid-dar, rega' hareg u rega' dahal. Darba minnhom ghamel zgur tliet kwarti ta' siegha gewwa izda l-konvenut jghid li qatt ma kellmu ghalkemm rah b'ghajnejh. Ma hax interess ghax l-attrici dejjem tghid li kien habib taghha. Iddeskriva lilu nnifsu bhala bniedem qalbu tajba u jghid li lill-attrici kien jafdaha. Jghid ukoll li hu qatt ma gab nies id-dar hlief lil xi hadd ikellmu gol-garaxx u jitlaq.

Il-konvenut jispjega li kellhom id-drawwa li meta jidhlu fid-dar u qabel jaqbdu t-tarag, jinzghu z-zarbun. Qal li huwa ffissat f'dawn l-affarijiet izda lill-attrici qatt ma dejjaqha u ma kienx jiffittaha biex tnehhi z-zarbun, anzi kienet tghidlu kemm il-darba hi stess biex inehhi z-zarbun waqt li tkun qed tahsel. Jichad li kienet iffissata fl-indafa, u spjega kif kienet taqbad sieqha u tqieghda mal-hajt wara li jkun ghadu kif bajjad il-hajt.

Il-konvenut jispjega wkoll li magenb id-dar taghhom kien hemm villa bil-gnien li kien juzah certu Mario li kien guvni, u sikwit kienu jaqghu il-qliezet ta' taht tal-attrici go dan il-gnien u dejjem qliezet ta' taht, li darba kien tahulu Mario, darb'ohra ommu u darba dahal hu stess ghalih biex jigbru. Meta kien jikkonfronta lill-attrici dwar dan, kienet taqbad tidhak.

Xehed ukoll **Vincent Galea** prodott mill-konvenut, quddiem l-Assistent Gudizzjarju[7].

**<u>Htija ghat-tifrik taz-Zwieg</u>**

Permezz tal-proceduri odjerni, l-attrici qed titlob li l-Qorti tiddikjara li ghat-tkissir taz-zwieg jahti unikament il-konvenut, filwaqt li l-konvenut fil-kontro talba tieghu, jaddebita lill-attrici l-htija ghas-separazzjoni. Madanakollu, il-partijiet ma jindikawx l-addebiti tal-htija li skont huma l-parti l-ohra ghandha tigi misjuba hatja taghhom.

In tema legali, il-Kodici Civili jiddisponi kif gej dwar l-obbligi tal-mizzewgin lejn xulxin:-

**2.** *(1) Il-liġi tippromwovi l-għaqda u l-istabbilità tal-familja.*
*(2) Il-miżżewġin għandhom jeddijiet indaqs u jerfgħu responsabbiltajiet indaqs matul iż-żwieġ tagħhom. Għandhom id-dmir li jkunu fidili lejn xulxin u li jieqfu ma' xulxin kemm moralment kif ukoll materjalment.*

**3.** *Il-partijiet fiż-żwieġ għandhom l-obbligu, kull waħda minnhom skont il-mezzi u l-ħila tagħhom, li jaħdmu kemm jekk fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinħtieġu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u li jikkontribwixxu għall-ħtiġiet tal-familja.*

Fost l-addebiti tas-separazzjoni personali bejn il-mizzewgin, wiehed isib is-segwenti dispozizzjonijiet:-

---
[7] Seduta 1 ta' Dicembru 2016.

***38.*** *Kull parti miżżewġa tista' titlob il-firda minħabba l-adulterju tal-parti l-oħra.*

***40.*** *Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment:*

*Iżda ma tistax tintalab firda minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx ghadha possibbli ghax iz-zwieg ikun tkisser irremedjabilment qabel ma jgħaddu erba' snin mid-data taż-żwieġ, u iżda wkoll, il-qorti tista' tiddikjara l-firda għal dik ir-raġuni minkejja li, sew qabel jew wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-artikolu ebda waħda mill-persuni miżżewġin flimkien ma tkun għamlet it-talba għal dik ir-raġuni.*

***41.*** *Kull waħda mill-partijiet miżżewġa tista' wkoll titlob il-firda jekk, għal sentejn jew iżjed, tkun abbandunata mill-oħra, mingħajr raġuni tajba.*

In tema generali, dwar l-addebiti skont l-Artikolu 40 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fis-sentenza taghha tas-27 ta' Novembru 2003 fl-ismijiet ***Maria Dolores sive Doris Scicluna v. Anthony Scicluna***, riteniet illi:-

***"****Biex il-Qorti taccetta dawn ir-ragunijiet, jew kwalsiasi wahda minnhom, trid tara li dawn ikunu tali li jirrivestu l-azzjoni proposta u min jaghmilhom hu hati taghhom. Il-kwistjoni hi wahda ta' fatt imhollija fil-valutazzjoni ta' min irid jiggudika, izda meta jirrizultaw, ghandhom indubbjament jifformaw motiv ta' separazzjoni in kwantu jirrendu l-konvivenza komuni difficli jekk mhux impossibbli. Illi 'noltre il-Qorti tirrileva li kif inhu pacifiku "perche` il coniuge offeso possa domandare la separazione contro il coniuge colpevole non e`necessario che concorrono gli eccessi, le sevizie, le minaccie, e le ingiurie gravi, <u>ma qualunque di tale cause da sola basta</u>, perche`sia tale da violare profondamente i riguardi della convivenza coniugale" –* ***"Elisa Thompson vs Edward Thompson"*** *(Prim'Awla tal-Qorti Civili, 12 ta' Mejju 1925);"* [sottolinejar ta' din il-Qorti]

***<u>Eccessi, Mohqrija, Theddid u Offizi Gravi</u>***

Huwa sinifikanti li jigi senjalat li tezisti distinzjoni bejn eccessi u sevizzi. Il-**Fadda** jghallem illi:-

*"Sono "eccessi" tutti quegli atti di violenza che eccedono ogni misura e che*

*possono mettere in pericolo la vita del coniuge".*[8]

Mill-banda l-ohra:-

*"Sevizie sono quegli atti di crudelta' verso il coniuge che, se non ne mettono in pericolo la vita, nondimeno quasi quotidianamente lo tormentano".*[9]

Skont **Baudry Lacantinerie**:-

*Gli eccessi sono atti di violenza compiuti da uno dei coniugi verso l'altro e che possono porre in pericolo la salute e per fino la vita della vittima. Le sevizie rappresentano una attenuazione degli eccessi. Consistono in cattivi trattamenti, in vie di fatto che, pur senza minacciare la vita o la salute, rendono pero' insopportabile la coabitazione".*[10]

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawza ***Giuseppa Agius vs. Pacifiko Agius*** deciza fl-10 ta' Dicembru 1951, gie dikjarat illi:-

*"Huma sevizzji dawk l-atti abitwali li joffendu l-persuna u l-animu tal-konjugi li lilu huma diretti, u li jaslu biex joholqu ezarcerbazzjoni f'dak il-konjugi hekk offiz, u avverzjoni profonda ghall-konjugi l-iehor li jikkommetti dawk l-atti."*

Fil-kawza fl-ismijiet ***Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud*** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju 1961, ntqal li *"Certi fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteggjamenti illi jistghu jirrendu l-hajja komuni insopportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bhala sevizzi".*

Fis-sentenza tagħha tal-15 ta' Diċembru 2015 fl-ismijiet ***Jayne Margaret Chetcuti vs. Lawrence Chetcuti***, il-Qorti tal-Appell qalet li *"... mhux kull nuqqas da parti ta' konjuġi versu l-konjuġġi l-ieħor jwassal għal sevizzi, minaċċi jew inġurja gravi fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili u huma biss dawk <u>in-nuqqasijiet li, magħmula ripetutament u abitwalment, iweġġgħu u jferu lill-konjuġi sal-grad li l-konvivenza matrimonjali ssir waħda diffiċli u insapportabbli</u>. Kif jinsab ritenut fil-ġurisprudenza patria: "Per sevizie nel senso della legge s'intendono atti abituali di crudelta' che offendono la persona o l'animo di colui e sono diretti al punto da ingenerare in lui perturbazione, un dolore ed un aversione verso chi commette tali atti. [PA Camilleri utrinque, 16 Marzu 1898]."* [sottolinejar ta' din il-Qorti]

---

[8] Giurisprudenza, Art.150, para. 214.

[9] Giurisprudenza, Art.150, para. 241.

[10] Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile, Delle Persone, Vol.IV, para. 35.

Dwar ingurji gravi, jinghad illi:-

*"... l-ingurji gravi ma gewx specifikament dezinjati mid-duttrina, imma l-karattru generali taghhom gie dejjem imholli fis-sagacja u l-kuxjenza ta' l-Imhallef sabiex jivvalutahom"*[11]

Ikkunsidrat;

Illi l-attrici taddebita l-htija ghas-separazzjoni lill-konvenut fuq zewg binarji: l-abbuz fiziku u l-abbuz emozzjonali, inkluz kontroll fuq il-finanzi.

Dwar l-abbuz fiziku, l-attrici ddeskriviet episodju li gara meta l-minuri kellha madwar sentejn, meta l-konvenut qabad lill-attrici minn ghonqha u pprova jifgaha. F'din l-okkazjoni, l-attrici ghamlet rapport lill-Pulizija u giet korroborata minn ommha Maria Lourdes Mifsud li xehdet li marret flimkien mal-konvenut tfittex lil bintha u tkellmet mal-Pulizija dwar dan l-incident. Ix-xhud ikkonfermat ukoll li rat b'ghajnejha l-grif li l-attrici kellha fuq ghonqha. L-attrici taqbel li wara dan l-incident il-konvenut ma regax refa' idejh fuqha.

Madanakollu, jirrizulta mix-xhieda mhux kontradetta tal-attrici u ommha li l-konvenut kien regolarment jghajjat fid-dar, tant li l-attrici kif ukoll bint il-partijiet kienu jibzghu minnu minhabba f'hekk. Skont il-psikjatra t-Tabib Jean Pierre Giorgio, kien hemm evidenza ta' vjolenza domestika mhux b'aggressivita` fizika izda b'aggressivita` verbali[12]. Omm l-attrici tiddeskrivi incident partikolari fejn kienet prezenti meta l-konvenut ghamel storbju shih barra l-bieb taghha u l-komportament tieghu f'din l-okkazjoni tikkorrobora l-allegazzjoni tal-attrici dwar l-agir tal-konvenut fil-konfront taghha u ta' binthom kif ukoll dwar il-biza' tremenda li l-minuri kellha minn missierha. Maria Lourdes Mifusd xehdet hekk fir-rigward: "*Niftakar li t-tifla D tghajjat u tghid li dik dahlet hemm gew u hu ha joqtolha tant kemm kien qed jghajjat u tant kemm bezza' lit-tifla. Jien ghidtlu biex ma jmissx lit-tifla u hu kien qal li mhux ser imissha.*"

Il-Qorti tosserva li l-konvenut ma cahadx dak li xehdet ix-xhud u fil-fatt ma ghamel ebda accenn ghal dan l-episodju fid-depozizzjoni tieghu. Ghalkemm il-Qorti tifhem li s-silenzju tal-konvenut u n-nuqqas ta' cahda da parti tieghu ta' dawn l-allegazzjonijiet serji ma jammontax *ut sic* ghal ammissjoni, madanakollu huwa evidenti li l-konvenut kellu kull opportunita` li jressaq provi biex jikkontradixxi dawn l-allegazzjonijiet izda ma ghamel assolutament xejn. Kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell f'sentenza moghtija recentement:-

---

[11] ***Marthese Vella pro et noe vs. George Vella*** – Prim'Awla, deciza 28 ta' Frar 2003.

[12] Seduta 17 ta' Gunju 2016, fol. 126 *et seq.*

*"Ghalkemm din il-Qorti taqbel illi n-nuqqas li jsir kontro-ezami ta' xhud ma jsarrafx ut sic f'ammissjoni implicita tal-kontenut tad-depozizzjoni u filwaqt li zzomm ferm l-applikazzjoni tal-principju affirmanti, non negat, incumbit probatio, tqis ukoll illi dan in-nuqqas inevitabbilment idghajjef il-kontestazzjoni tal-parti l-ohra ta' dawk l-allegazzjonijiet li setghu gew diretti kontriha mix-xhud, u finalment ukoll it-tezi tal-istess parti."*[13]

Jirrizulta wkoll mill-provi li l-attrici kienet ferm imhassba dwar il-komportament tal-konvenut fil-konfront tal-bint minuri tal-partijiet, D, billi skont bintha il-konvenut kien qabadha minn sidirha u f'okkazzjoni ohra kien hareg il-partijiet intimi tieghu quddiemha. Lis-social worker Maria Russo qaltilha wkoll li l-konvenut gieli kien joqghod gharwien id-dar quddiem binthom. L-attrici tghid li l-assjem ta' dawn l-episodji, maghdud maghhom l-ghajjat kontinwu tal-konvenut u l-biza' li kien irawwem fiha u fil-minuri, wassalha biex titlaq mid-dar matrimonjali.

Din il-Qorti qed taghti piz lill-verzjoni tal-attrici dwar dan l-agir abbuziv tal-konvenut anke ghaliex skont is-social worker Maria Russo, l-attrici dejjem kienet konsistenti fil-verzjoni taghha dwar il-komportament tal-konvenut u osservat, bhalma osserva wkoll it-Tabib Dr. Jean Pierre Giorgio, li l-minuri kienet imbezzgha minn missierha u kienet skomda fil-presenza tieghu.

Ikkunsidrat;

Huwa verosimili li l-attrici bezghet ghall-inkolumita` ta' bintha u jirrizulta li kien proprju dan li wassalha biex tabbanduna d-dar matrimonjali. Jirrizulta wkoll li l-attrici qatt ma regghet marret lura d-dar. Fil-fehma tal-Qorti, l-impatt tal-allegazzjonijiet li ghamlet it-tifla dwar missierha kien qawwi bizzejjed biex ixaqleb il-bilanc li l-attrici jidher li pprovat izzomm fiz-zwieg halli ma tiddisturbax l-istabbilita` tal-hajja matrimonjali u ta' hajjet bintha, u jwassal lill-attrici sal-estremita` li biex titlaq lil zewgha, tmur tghix gewwa xelter.

Ghalhekk, ghalkemm huwa minnu li l-attrici abbandunat id-dar matrimonjali, ma jistax jinghad li hemm xi prova li dan ghamlitu kapriccozament. Pjuttost, il-Qorti tqis li l-attrici ghamlet dan il-pass ghaliex emmnet li dan kien fl-ahjar interessi ta' bintha l-minuri. Fir-rigward il-verzjoni tal-attrici tinsab konfortata mit-Tabib Jean Pierre Giorgio li kkonferma li l-istat emozzjonali tal-minuri - li fil-bidu kienet tbati minn ansjeta` u depression - mar ghall-ahjar wara li l-attrici u l-minuri telqu

---

[13] ***Catherine Cali Vincenti pro et noe vs Stephen Cali***, deciza 2 ta' Marzu 2018.

mid-dar matrimonjali. Tant hu hekk li x-xhud ikkonkluda li l-istat emozzjonali tal-minuri kien dovut ghas-sitwazzjoni fid-dar.

Ikkunsidrat;

Jirrizulta wkoll fil-fehma tal-Qorti li l-konvenut kien abbuziv emozzjonalment fil-konfront ta' martu anke fuq livell finanzjarju. L-attrici, konfortata mix-xhieda ta' ommha u tax-xhud Maria Russo, xehdet kif il-konvenut ma kienx jaghtiha bizzejjed flus ghall-hajja u kien jikkontrolla x'kienet tixtri bil-ftit flus li kien itiha.

Ghalkemm mill-provi jirrizulta b'mod manifest li l-konvenut kien f'qaghda tajba finanzjarjament specjalment wara li wiret lil missieru, tant li jghid li d-dar matrimonjali nbniet u tlestiet kollha kemm hi minn fondi parafernali tieghu, oltre li xtara diversi vetturi waqt iz-zwieg b'dawn il-fondi parafernali, jirrizulta wkoll li l-attrici qajla kellha biex tixtri l-htigijiet ta' kuljum, u kellha tibqa' tirkorri ghand ommha biex tghinha finanzjarjament. Jirrizulta wkoll li meta l-attrici kienet fittxet ghajnuna minghand l-Agenzija Appogg, l-abbuz finanzjarju kien fost l-ilmenti principali taghha, u x-xhud Maria Russo fir-rapport kif ukoll fid-depozizzjoni taghha, fissret kif il-konvenut kien jikkontrolla l-infiq tal-flus, l-iktar billi jqassam il-ftit flus li kien jaghti lill-attrici, fuq tliet darbiet fil-gimgha. Dan kollu oltre li mill-provi jirrizulta ulterjorment li l-konvenut kien iqajjem diffikoltajiet biex ihallas l-ispejjez tal-edukazzjoni tal-minuri u ghall-medicina.

Il-Qorti tosserva li l-konvenut ma jichadx dawn l-allegazzjonijiet hlief biex jghid li hu kien itiha l-flus u kienet l-attrici stess li ma xtaqitx tkompli tahdem fiz-zwieg ghaliex skont hu, kienet imdejqa. Izda ma ntweriet ebda raguni ghaliex il-Qorti ma ghandhiex temmen il-verzjoni tal-attrici wkoll f'dan ir-rigward, *multo magis* meta l-attrici tinsab korroborata minn ommha f'dan ir-rigward ukoll.

Ikkunsidrat;

L-abbuz emozzjonali li tiddeskrivi l-attrici jirrizulta li ha wkoll s-sura ta' diversi offizi u insulti da parti tal-konvenut li kienu jaghmlulha hafna dwejjaq, fosthom, kif insibu l-Affidavit taghha is-segwenti:- "*C kien anke jghidi 'kemm ha nghidilha kontrik it-tifla meta tikber'. Jien f'dak iz-zmien kont imdejqa hafna*" u "*C kien jghidi li zzewwigni ghax thassarni u kien qieghed jaghmilli hafna dwejjaq.*"

Ghaldaqstant, mizmumin ferm il-konsiderazzjonijiet kollha fuq riportati, il-Qorti ftit ghandha diffikolta` tikkonkludi li l-konvenut irrenda ruhu hati ta' sevizzi u ingurji gravi lejn martu u li konformament, ghandu jerfa' r-responsabbilita` primarja ghas-separazzjoni.

Ikkunsidrat;

Fl-istess waqt pero`, il-Qorti lanqas tista' twarrab il-verzjoni tal-konvenut dwar l-agir ta' martu fil-konfront tieghu, liema komportament ikkontribwixxa wkoll ghat-tkissir taz-zwieg tal-partijiet.. Jirrizulta mid-depozizzjoni dettaljata tal-konvenut, illi huwa kien pjuttost konsistenti anke meta xehed in kontro-ezami, dwar il-komportament generali tal-attrici. Jirrizulta li l-attrici ftit li xejn kienet taghti appogg lill-konvenut jew taghti kaz lix-xewqat tieghu, specjalment dwar affarijiet li ghandhom x'jaqsmu mad-dar, u jispikkaw l-episodji tas-saqajn mal-hajt wara li l-konvenut ikun ghadu kien bajjad; il-fenek li l-attrici ripetutament kienet thallih jigri fid-dar igerrem l-ghamara nonostante li l-konvenut kien jitlobha biex izommu maqful; il-bieb tal-aluminium li l-attrici baqghet thallih jissabbat tant li l-konvenut kellu jibdlu b'wiehed gdid; ic-cahdiet stinati tal-attrici fl-episodji tal-birra, tal-flixkun tat-tifla, tal-mobile u tac-cwievet; in-nuqqas ta' interess li wriet l-attrici li tidhol l-isptar tara lil ommu kif ukoll in-nuqqas ta' appogg meta mietet ommu proprju fl-istess gurnata u meta l-konvenut kellu problemi serji f'ghajneih; kif sikwit l-attrici kienet titlaq minn fejn kienu jkunu l-partijiet biex taqbad u tmur id-dar, u kif b'mod sistematiku kienet takkuza lil zewgha b'affarijiet li skont hu mhux minnhom, bhal per ezempju li kien ihammeg meta mill-provi jirrizulta pjuttost li l-konvenut kien ftit iffissat fl-indafa, li kien jahbilha l-affarijiet li mbaghad jinstabu, u ohrajn. Il-konvenut fisser kif kien ikun dispjacut b'dan l-agir ta' martu fil-konfront tieghu, partikolarment in-nuqqas ta' appogg, u jsemmi wkoll zewg episodji dwar kif skont hu, martu kienet iltaqghet jew harget ma' xi rgiel u kif kien imhasseb dwar dan.

Illi dawn id-diversi incidenti deskritti mill-konvenut, ghalkemm individwalment ma jidhrux li huma ta' xi gravita` tali li jistghu jwasslu ghat-tifrik taz-zwieg, mehud fl-assjem taghhom iwasslu lill-Qorti biex tqis li l-komportament tal-attrici kien bla dubju ta' natura sevizzjevoli fil-konfront tal-konvenut u l-Qorti fehmet li dan ikkontribwixxa biex irendi l-hajja matrmonjali insopportabbli.

Ghalhekk il-Qorti tkkonkludi li l-attrici wkoll hija responsabbli, ghad b'mod sussidjarju ghat-tkissir taz-zwieg tal-partijiet minhabba sevizzi kommessi minnha fil-konfront ta' zewgha l-konvenut.

Ikkunsidrat;

Finalment, fir-rigward ta' l-addebitu tal-adulterju, ghalkemm jidher li z-zewg partijiet jaghmlu allegazzjonijiet dwar komportament mhux xieraq fil-konfront ta' xulxin, ebda wiehed minnhom ma ressaq provi konkreti biex jissostanzjaw l-addebitu tal-adulterju. Kif inhu risaput, l-adulterju huwa meqjus bhala l-kawza l-izjed gravi li ghaliha l-ligi tawtorizza s-separazzjoni personali, u l-provi li ghandhom jitressqu in sostenn tal-adulterju ghandhom ikunu "*gravi, preċiżi u*

*konkordanti, b'mod li ma jħallu ebda dubju f'min għandu jiġġudika."*[14] Fil-kaz odjern, ma saret ebda prova kwalsiasi ta' adulterju.

Konformament mal-premess, il-Qorti tikkonkludi li ghat-tkissir taz-zwieg huwa principalment hati l-konvenut minhabba sevizzi u ingurji gravi kommessi minnu fil-konfront ta' martu, filwaqt li l-attrici, ghalkemm b'mod sussidjarju, hija wkoll responsabbli ghas-separazzjoni minhabba sevizzi minnha kommessi fil-konfront ta' zewgha.

**Applikazzjoni tas-Sanzjonijiet Kontemplati mill-Artikolu 48**

Fl-isfond tas-sevizzi u ingurji gravi li gew identifikati fl-agir tal-konvenut versu martu l-attrici, u b'applikazzjoni tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 51 tal-Kodici Civili, il-Qorti tqis li fic-cirkostanzi ghandha tapplika s-sanzjonijiet kollha kontemplati fl-Artikolu 48(1) fil-konfront tal-istess konvenut. Ghalkemm l-attrici wkoll hija hatja ghas-separazzjoni, ir-responsabbilita` taghha kif gia` stabbilit, hija wahda incidentali u l-Qorti hija tal-fehma li fic-cirkostanzi u skont id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 52 tal-Kodici Civili, ma ghandhiex tordna l-applikazzjoni ta' dawn is-sanzjonijiet fil-konfront tal-attrici, hlief ghas-sanzjoni kontemplata fl-Artikolu 48(1)(a).

**Manteniment ghall-Attrici**

Rigward it-talba tal-attrici ghall-hlas ta' manteniment ghaliha nnifisha, il-Qorti wara li hasbet fit-tul, hija tal-fehma li ma ghandhiex tilqa' din it-talba, u dan ghaliex mill-atti, anke fin-nuqqas ta' provi kuntrarji, jirrizulta li l-attrici hija kapaci li tahdem u taqla' l-ghajxien taghha. Fil-fatt, fiz-zmien meta fethet din il-kawza, l-attrici kienet qieghda tahdem bi qligh skont kif jirrizulta mill-*pay slips* esebiti a fol 27 *et seq.*, u dan gie kkonfermat fl-Affidavit taghha[15] fejn xehdet li tahdem fuq bazi *part-time* oltre li tippercepixxi beneficcji socjali.

Il-Qorti tosserva li sussegwentement, fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha[16], l-attrici qalet li ma tahdimx u li tghix biss fuq beneficcji socjali. Madanakollu, hija baqghet ma fissritx ghaliex ma baqghetx tahdem u ma jirrizultax mill-provi li hemm xi impediment li minhabba fih l-attrici m'hijiex tajba ghax-xoghol. Fin-

[14] ***Rosina Micallef vs Angelo Micallef***, Prim'Awla tal-Qorti Civili, deciza 27 ta' Gunju 1964, citata f'***Maria Dolores sive Doris Scicluna v. Anthony Scicluna***, Prim'Awla tal-Qorti Civili, deciza 27 ta' Novembru 2003.

[15] Mahluf fid-29 ta' Settembru 2014.
[16] 12 ta' April 2018.

nuqqas ta' provi kuntrarji u mehud qies ukoll tal-fatt illi bint il-partijiet illum hija maggorenni, il-Qorti tqis li mhemm xejn li jzomm lill-attrici milli taqla' l-ghajxien taghha u tmantni lilha nnifisha. Il-Qorti tosserva fir-rigward li kienet l-attrici stess li qalet li ma baqghetx tahdem waqt iz-zwieg ghaliex kien il-konvenut li riedha tieqaf mix-xoghol u ma hallihiex tibqa' tahdem.

B'daqshekk pero`, billi kif gia` stabbilit, ma gietx applikata s-sanzjoni kontemplata fl-Artikolu 48(1)(d) fil-konfront tal-attrici, il-Qorti m'hijiex qed tordna d-dekadenza tal-attrici mid-dritt li titlob manteniment minghand zewgha fil-futur f'kaz ta' bzonn.

Ghaldaqstant, f'dan l-istadju l-Qorti qieghda tichad it-talba tal-attrici ghall-hlas ta' manteniment ghaliha minghand il-konvenut.

**<u>Kura u Kustodja tal-Minuri u Access</u>**

Il-konvenut talab li l-kura u kustodja ta' bint il-minuri tal-partijiet, D, tibqa' kongunta bejn il-partijiet u li jigi ffissat access favur tieghu mhux fil-prezenza tal-attrici, sabiex jista' jerga' jistabbilixxi relazzjoni ma' bintu.

Fil-mori tal-proceduri quddiem il-Qorti, jirrizulta li l-minuri ghalqet l-eta` maggorenni u ghalhekk il-Qorti tastjeni milli tiehu iktar konjizzjoni ta' din it-talba.

**<u>Manteniment ghall-Minuri</u>**

Jirrizulta mill-atti li qabel bint il-partijiet lahqet l-eta` maggorenni, il-konvenut kien ihallas lill-attrici s-somma ta' €200 fix-xahar bhala manteniment ghall-minuri, liema somma jidher li l-partijiet kienu qablu dwarha bonarjament. Izda, jirrizulta wkoll li l-konvenut ma baqax ihallas dan il-manteniment. Jghid li ma ngabitx prova li huwa obbligat imantni lil bintu fic-cirkostanzi korrenti. Filwaqt li jikkontesta t-talba tal-attrici ghall-hlas ta' manteniment ghal binthom, il-konvenut jghid ukoll li d-dokument esebit mill-attrici flimkien man-nota ta' osservazzjonijiet taghha a fol. 181, ghandu jigi sfilzat ghaliex gie esebit minghajr il-permess tal-qorti.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti tibda billi tosserva li l-konvenut ma talabx formalment l-isfilz tad-dokument prodott mill-attrici koncernanti r-registrazzjoni ta' bint il-partijiet bhala studenta fuq bazi full-time fl-MCAST, u ghalhekk m'hijiex sejra tordna l-isfilz tieghu. Fuq kollox pero`, ghandu jinghad li hija l-ligi nnifisha li timponi fuq il-

ġenituri l-obbligu li jkomplu jmantnu lil uliedhom anke wara li dawn jagħlqu l-eta` maġġorenni jekk jikkonkorru r-rekwiżiti tal-Artikolu 3B tal-Kodiċi Ċivili. Dan l-Artikolu jipprovdi hekk:-

***3B.*** *(1) Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lill-ulied li jiġu miż-żwieġ skont il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet tal-ulied.*

*(2) L-obbligu li l-ġenituri għandhom li jipprovdu l-manteniment skont is-subartikolu (1) jinkludi ukoll l-obbligu illi, skont il-mezzi tagħhom, u fejn ma jkunx raġonevolment possibbli li l-ulied, jew min minnhom, imantnu lilhom infushom kif xieraq, ikomplu jipprovdu manteniment adegwat lill-ulied:*

*(a) li jkunu studenti li qegħdin jipparteċipaw f'edukazzjoni, taħriġ jew tagħlim full-time u huma taħt l-età ta' tlieta u għoxrin sena; jew*

*(b) li jkollhom diżabilità, kif imfissra fl-Att dwar Opportunitajiet Indaqs għal Persuni b'Diżabilità, kemm jekk hija fiżika jew mentali.*

Huwa relevanti wkoll fir-rigward, dak li jiddisponi l-Artikolu 54 tal-Kodiċi Ċivili:-

***54.*** *(1) Il-parti li kontra tagħha tinqata l-firda mhix meħlusa, minħabba dik il-firda, mill-obbligu tal-manteniment tal-parti l-oħra, meta dan il-manteniment ikollu jinghata skont id-dispożizzjonijiet tas-Sub-titolu I ta' dan it-Titolu.*
*(2) L-ammont tal-manteniment imsemmi fis-subartikolu (1), kif ukoll il-manteniment dovut lill-ulied f 'każ ta' firda, jiġi stabbilit billi jitqiesu l-mezzi tal-miżżewġin, il-ħila tagħhom li jaħdmu u l-bżonnijiet tagħhom, u għandhom jitqiesu wkoll iċ-ċirkostanzi l-oħra kollha tal-miżżewġin u tal-ulied, inkluż dan li ġej:*
*(a) il-bżonnijiet tal-ulied, wara li jkunu tqiesu ċ-ċirkostanzi kollha tagħhom;*
*(b) xi diżabilità, kif imfissra fl-Att dwar l-Opportunitajiet Indaqs għal Persuni b'Diżabilità, kemm jekk hija fiżika jew mentali;*
*… … … omissis … … …*
*(d) jekk il-ħila tal-parti li jkun dovut lilha l-manteniment illi tagħmel qligħ ta' kull xorta ġietx imnaqqsa għaliex dik il-parti tkun, matul iż-żwieġ, ħadet ħsieb id-dar, il-parti l-oħra u t-trobbija tat-tfal taż-żwieġ;*
*(e) kull qligħ jew benefiċċju li l-miżżewġin, jew min minnhom, jirċievu skont il-liġi, minbarra kull*
*għajnuna soċjali li mhix kontributorja li tkun qed titħallas lilhom taħt l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali:*
*Iżda, għall-fini ta' dan il-paragrafu, għandha titqies il-pensjoni għad-diżabilità taħt l-artikolu 27 tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali;*
*(f) il-ħtiġiet għall-akkomodazzjoni tal-miżżewġin u tal-ulied;*

*… … … omissis … … …*

Ikkunsidrat;

Ghalhekk, b'applikazzjoni tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 54 tal-Kodici Civili, din il-Qorti tqis li l-konvenut, nonostante l-pronunzjament tal-firda bejn il-partijiet, huwa obbligat *ope legis* li jkompli jmantni lil bintu jekk jirrizulta li tkun qed tippartecipa f'taghlim *full-time* anke wara li tkun saret maggorenni. Il-Qorti ma tistax ma tipprovdix ghal din l-eventwalita` fid-decizjoni taghha, u lanqas tista' twarrab il-portata tal-ittra esebita a fol. 181 li tikkonferma li bint il-partijiet hija studenta fuq bazi *full-time* gewwa l-MCAST.

Ghalkemm huwa minnu wkoll li l-attrici ma ressqet ebda provi biex turi x'introjtu ghandu l-konvenut, ma kkwantifikatx l-ispejjez li tonfoq ghal bintha u lanqas ressqet bhala xhud rapprezentant tad-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali biex jikkonferma l-ammont minnha percepita in linea ta' beneficcji socjali, il-Qorti ma tqisx illi l-iskarsita` tal-provi fir-rigward ghandha twassal biex tillibera lill-konvenut mill-obbligu tieghu li jikkontribwixxi ghall-manteniment ta' bintu jekk dan huwa dovut. Konformament, il-Qorti hija tal-fehma li f'dan il-kaz ghandha tillikwida retta alimentari xierqa bhala sehem il-konvenut mill-manteniment ta' bintu waqt li hija tkun qed tistudja fuq bazi *full-time* fit-termini tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 3B tal-Kodici Civili, fuq citati.

Wara kollox, il-konvenut innifsu jammetti li huwa kien ihallas lil martu s-somma ta' €200 fix-xahar bhala manteniment ghal bintu, liema somma kienet accettata mill-attrici[17]. Da parti taghha, l-attrici spjegat li din is-somma kienet tinkludi fiha l-ispejjez kollha tal-edukazzjoni, sahha u attivitajiet tal-minuri[18]. Mizmum ferm il-premess, il-Qorti tqis li m'hemm ebda raguni ghaliex il-konvenut m'ghandux jigi ordnat jhallas is-somma ta' €250 fix-xahar bhala manteniment ghal bintu sakemm l-istess bintu taghlaq l-eta` ta' tlieta u ghoxrin sena u tkun qed tippartecipa f' taghlim, tahrig jew edukazzjoni *full-time*, kif del resto jirrizulta li tinsab tippartecipa fil-prezent.

Il-Qorti tordna ulterjorment li l-imsemmi ammont ta' €250 fix-xahar ghandu jibda jithallas millum u jigbor fih sehem il-konvenut mill-ispejjez kollha tal-edukazzjoni, sahha u attivitajiet tal-minuri, ghandu jizdied kull sena fl-anniversarju ta' din is-sentenza skont iz-zieda fl-indici ta' l-gholi tal-hajja, u ghandu jibqa' jithallas sakemm bint il-partijiet taghlaq l-eta` ta' 23 sena u tibqa' tistudja fuq bazi *full-time*. Inoltre, tordna li dan il-manteniment jista' jigi mnaqqas direttament mis-salarju jew qligh tal-konvenut mill-impieg jew kwalunkwe beneficcju li jippercepixxi minn zmien ghal zmien.

---

[17] Nota guramentata tal-konvenut tat-2 ta' April 2016, a fol. 59 *et seq*.
[18] Ara nota guramentata tal-attrici a fol. 25 u 26.

**Komunjoni tal-Akkwisti**

Il-partijiet entrambi jitolbu x-xoljiment u likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom f'zewg porzjonijiet li ghandhom jigi assenjati lilhom. Filwaqt li l-attrici titlob li l-komunjoni tal-akkwisti tigi diviza f'zewg porzonijiet indaqs, il-konvenut jitlob id-divizjoni tal-komunjoni f'zewg porzjonijiet li ma jkunux necessarjament indaqs.

Mill-provi jirrizulta li d-dar matrimonjali nbniet fuq art li hija proprjeta` parafernali tal-konvenut u li kienet kwazi lesta minn kollox meta l-partijiet izzewgu, hlief ghal xi xogholijiet u xiri tal-ghamara. Hemm kontestazzjoni bejn il-partijiet dwar il-benefikati li saru waqt iz-zwieg u dwar benefikati li saru minn flus parafernali tal-attrici, izda hemm qbil li d-dar hija proprjeta` parafernali tal-konvenut.

*Mobbli*

L-attrici fin-nota guramentata taghha tat-3 ta' Gunju 2014, telenka l-mobbli li thallew fid-dar matrimonjali u l-konvenut[19] jaqbel ma' din il-lista u jaqbel ukoll li dawn il-mobbli jinsabu fil-pussess tieghu fid-dar matrimonjali, ghajr li jghid li kollox inxtara bi flus parafernali tieghu. Jghid ukoll li f'kull kaz, l-attrici diga` hadet maghha diversi *bowls*, tazzi, platti u *utensils*, *mugs* u oggetti ohra elenkati a fol. 189, meta telqet mid-dar matrimonjali.

Il-Qorti tosserva li ghall-kumplament, galadarba hemm qbil li dawn il-mobbli nxtraw waqt iz-zwieg bejn il-partijiet, dawn jidhlu fil-komunjoni tal-akkwisti.

Ikkunsidrat;

Ghalkemm il-konvenut xehed li huwa kien xtara l-mobbli li ghad fadal fid-dar matrimonjali bi flus li kien tah b'donazzjoni missieru, u sussegwentement bi flus li wiret wara li miet missieru, il-Qorti tosserva li l-konvenut ma ressaq ebda prova kwalsiasi biex jissostanzja din il-verzjoni tieghu, wisq inqas l-ahjar prova li tehtieg il-ligi. Ghalkemm ma jirrizultax li l-attrici cahdet li l-konvenut wiret ammonti sostanzjali ta' flus, il-Qorti ma tqisx li s-semplici nuqqas ta' oppozizzjoni jew kontestazzjoni tal-parti l-ohra jissodisfa l-vot tal-ligi dwar il-grad ta' prova rikjesta fil-kamp civili, *multo magis* f'kaz fejn jehtieg li tigi

[19] Vide kontro-ezami tal-konvenut fis-seduta 17 ta' Frar 2017.

meghluba presunzjoni *iuris tantum*. Jigi osservat li l-konvenut la ressaq bhala xiehda xi wiehed jew iktar minn hutu biex jikkorroboraw il-verzjoni tieghu dwar il-flus li wiret, u lanqas ipproduca t-testment ta' missieru, *statements* bankarji jew dokumenti simili biex jindikaw il-provenjenza ta' fondi fl-ammonti li jsemmi l-konvenut fl-Affidavit tieghu.

Fic-cirkostanzi, il-Qorti ma tqisx illi l-konvenut irnexxielu jeghleb il-presunzjoni dwar l-akkwisti mahluqa bl-Artikolu 1321(1) tal-Kodici Civili, u zzid ukoll li anke kieku gie ppruvat li dawn il-mobbli nxtraw waqt iz-zwieg bi flus parafernali tal-konvenut, id-dritt tieghu fuq dawn il-mobbli semmai jkun jissarraf fi kreditu parafernali ekwivalenti ghall-prezz li l-konvenut ikun hallas ghall-akkwist tal-mobbli bil-fondi parafernali tieghu. Izda l-konvenut ma ressaq ebda provi, lanqas biex jikkwantifika l-kreditu parafernali li jidher li jivvanta ghall-akkwist tal-mobbli li jinsabu fid-dar matrmonjali.

In mankanza ta' provi sufficjenti, il-Qorti tikkonkludi li l-mobbli kollha indikati fin-nota guramentata tal-attrici jappartjenu lill-komunjoni tal-akkwisti, ghajr [i] ghall-mobbli deskritti bhala "*bowls, platti, utensils, tazzi u mugs*", [ii] ghall-kmamar tal-banju elenkati a fol. 67, u [iii] ghall-mobbli li ser jigu assenjati lill-attrici iktar 'il quddiem taht il-kappa "*Beni Parafernali*". Inoltre, kif gia` stabbilit, m'hemm ebda kreditu parafernali x'jigi likwidat a favur tal-konvenut.

Izda billi l-partijiet ma ressqux provi dwar il-valur tal-lum tal-imsemmija mobbli sitwati fid-dar matrmonjali, il-Qorti tordna li dawn il-mobbli jinbieghu fuq is-suq u r-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-partijiet.

Il-konvenut jikkontendi ulterjorment illi l-oggetti elenkati f'paragrafu 2 a fol. 189 ittiehdu mill-attrici meta telqet mid-dar matrimonjali. Madanakollu, il-Qorti tifhem li dawn l-oggetti, apparti d-deheb li ma ngabitx prova f'hiex jikkonsisti, huma ta' valur minimu oltre ta' natura personali u diga` ilhom diversi snin fil-pussess tal-attrici. Fl-isfond tac-cirkostanzi kollha ta' din il-kaz, il-Qorti tordna li l-oggetti elenkati f'paragrafu 2 a fol. 189 ghajr ghad-deheb, ghandhom jigu assenjati lill-attrici akkont ta' sehmha mill-komunjoni tal-akkwisti.

<u>*Benefikati fid-Dar Matrimonjali*</u>

Rigward il-benefikati li saru fid-dar matrimonjali wara z-zwieg, il-konvenut xehed hekk:-

*"… qabel izzewwigt din id-dar kienet kwazi lesta. Fil-fatt, it-tibjid, dawl u ilma kienu lesti, l-aperturi maghluqa u li kien fadal l-ghamara u l-madum."*

*"Ma kienx gebel u saqaf biss izda kien lest izjed. Ma kienx hemm imwahhlin affarijiet. Il-kmamar tal-banju kienu ghadhom mhux lesti. Il-madum tad-dar kien lest kollu. Semplicement minhabba l-poggaman ghax bzajt li jkorri xi hadd.*"

Il-konvenut xehed ukoll li wara xi sena zwieg, missieru kien tah xi Lm7,000 u bih kien xtara l-madum tal-post u hallas xi kontijiet tax-xoghol li kien sar fid-dar, bhad-dawl u kisi, u xtara l-ghamara bil-flus li wiret meta gie nieqes missieru fl-1998.

Il-verzjoni tal-attrici hija s-segwenti:-

*"Meta ahna konna zzewwigna, l-art li kellu C kienet inbniet izda d-dar kienet ghadha gebel u saqaf. Ahna fit-tliet snin li konna qeghdin nghixu fl-appartament ta' San Gwann konna ghaddejna d-dawl u ilma, wahhalna l-madum u l-kmamar tal-banju u xtrajna hafna mill-ghamara."*

Evidentement, il-partijiet ma jaqblux dwar liema benfikati saru fid-dar matrmonjali wara z-zwieg u oltre dan, il-konvenut jikkontendi li l-ispejjez li ntefqu waqt iz-zwieg fl-istess fond kemm ghall-benefikati kif ukoll ghamara, thallsu kollha kemm huma minn fondi parafernali tieghu li akkwista b'donazzjoni u wirt waqt iz-zwieg.

Madanakollu, il-Qorti tosserva li l-benefikati kollha fil-fond matrimonjali, anke dawk li saru waqt iz-zwieg, huma fin-natura ta' *fixtures* li jkunu nghaqdu mal-fond bis-sahha tal-jedd tal-accessjoni skont l-Artikolu 567 *et seq*. tal-Kodici Civili u kwindi jsiru proprjeta` tal-konvenut bhala sid il-fond matrimonjali, b'obbligu ghall-hlas tal-valur taghhom.

Wara li rat il-provi, hija l-fehma tal-Qorti li hekk kif il-konvenut ma gab ebda provi biex juri l-provenjenza ta' fondi parafernali u kif dawn intuzaw biex thallsu l-ameljoramenti li saru fil-fond matrimonjali, lanqas l-attrici ma rnexxielha turi b'mod sodisfacjenti li hija hallset ghal xi whud minn dawn il-benefikati bi flejjes li kellha qabel iz-zwieg. Konsegwentement, il-Qorti ma tistax tillikwida a favur taghha xi kreditu parafernali dovut mill-konvenut bhala sid il-fond skont ir-regoli tal-accessjoni.

Il-Qorti tqis li l-presunzjoni favur l-akkwisti ghandha tipprevali wkoll f'dan il-kaz u l-benefikati li setghu saru waqt iz-zwieg saru b'fondi tal-komunjoni. Izda, fl-istess waqt, wara li rat l-atti, l-Qorti taghraf li lanqas tista' tillikwida xi kreditu rapprezentanti l-ispejjez li ntefqu biex saru l-benefikati fid-dar parafernali tal-konvenut wara z-zwieg, a favur il-komunjoni tal-akkwisti. Dan ghaliex jirrizulta li [i] m'hemmx qbil dwar liema benefikati saru waqt iz-zwieg u [ii] il-partijiet naqsu milli jipproducu provi dwar il-valur tal-benefikati li saru. Fic-cirkostanzi

ghalhekk, il-Qorti mhux talli hija sprovvista minn prova essenzjali biex tista' tikkwantifika xi kreditu a favur tal-komunjoni, talli lanqas tista' tuza d-diskrezzjoni ekwitattiva taghha biex tillikwida ammont *arbitrio boni viri*. Dan ghaliex, kif inhu risaput, il-likwidazzjoni *arbitrio boni viri* ma tistax issir fin-nuqqas assolut ta' xi prova dwar it-telf jew dannu pretiz.

Il-principji li jirregolaw l-applikazzjoni ta' dan l-istitut ekwitattiv, huma ben assodati fil-gurisprudenza tal-qrati taghna: kif intqal fis-sentenza ***Ferdinand Portelli vs Maria Dolores sive Lola Portelli***:-

"*Dan id-dritt [ta' rizerciment tad-dannu] pero` mhix wiehed awtomatiku jew li din il-Qorti tista' tistabillih ex gratia jew arbitrio u boni viri minghajr kwalsiasi prova ta' telf. Id-dannu jrid jigi ippruvat kif titlob il-ligi u l-prova tinkombi lil min ikun allegah.*

*F'dan il-kaz l-attur ma gab ebda prova konkreta ta' ebda dannu. Di fatti lanqas jaghmel xi accenn ghal xi dannu subit jew telf iehor u ghalhekk ebda likwidazzjoni u hlas ta' dannu ma jista' jigi akkordat lil attur."* [20]

Illi jinghad ukoll li likwidazzjoni fuq bazi ekwitattiva ghandha ssir meta jkun difficli li wiehed jistabilixxi precizament dak li huwa dovut lill-attur, u dan sabiex tista' ssir gustizzja f'kazijiet fejn ma jkunx possibbli li titressaq prova konkreta li tistabbilixxi bi precizjoni t-telf subit[21]. F'dan il-kaz ma kien hemm ebda impediment li jingiebu l-provi dwar il-valur tal-benefikati li saru fid-dar waqt iz-zwieg u fin-nuqqas ta' provi, il-Qorti hija prekluza milli tillikwida xi kreditu dovut mill-konvenut bhala sid il-fond matrimonjali li fih setghu saru xi ameljoramenti waqt iz-zwieg.

<u>*Vetturi*</u>

Il-konvenut jallega li huwa xtara diversi vetturi waqt iz-zwieg, uhud minn fondi parafernali li wiret jew akkwista b'donazzjoni, u ohrajn bi tpartit ta' vetturi li gia` kienu ghandu qabel iz-zwieg. Ghalkemm kif inghad, l-attrici ma tikkontestax il-verzjoni tal-konvenut li huwa wiret lil missieru u li kien akkwista xi fondi minghand l-istess missieru kif ukoll minghand ommu wara z-zwieg, il-Qorti tosserva li minkejja l-ordni taghha[22] biex jigu esebiti l-*logbooks* u poloz ta' assigurazzjoni tal-vetturi msemmija mill-partijiet fin-noti guramentati taghhom, il-provi rikjesti baqghu ma tressqux. M'hemmx prova ghalhekk dwar liema vetturi nxtraw matul iz-zwieg u liema vetturi ghadhom licenzjati f'isem il-konvenut, u

[20] Deciza 9 ta' Lulju, 2015, Prim'Awla tal-Qorti Civili.

[21] **Priscilla Cassar vs Robert Farrugia -** Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza 15 ta' Lulju 2014.
[22] Udjenza tas-6 ta' Mejju 2014.

lanqas ingiebet prova dwar il-valur tal-vetturi rispettivi. Madanakollu, kif gia` stabbilit, billi l-konvenut ma gabx provi biex jeghleb il-presunzjoni favur l-akkwisti, din il-Qorti tqis li l-vetturi kollha li skont il-konvenut inxtraw waqt iz-zwieg, jappartjenu lill-istess komunjoni tal-akkwisti. Dawn huma trakk Bedford KAL-734, Mercedes EAX-7-9, vann Isuzu BBV-946 u vann Escort AAN-993.

Fir-rigward tat-trakk Bedford KAL-734, il-konvenut jghid illi dan inbiegh fis-sena 2013 ghas-somma ta' €600. L-attrici ma kkontestatx li l-vettura nbieghet b'dan il-prezz u ma gabet ebda provi fir-rigward. Billi jirrizulta li dak iz-zmien il-partijiet kienu diga` separati *de facto*, il-Qorti tqis li r-rikavat tal-bejgh ma setax intuza ghall-bzonnijiet tal-familja jew ghall-beneficcju tal-komunjoni. Konformament, l-attrici ghandha tiehu sehma mill-valur ta' din il-vettura u konsegwentement, tordna lill-konvenut ihallas is-somma ta' €300 lill-attrici.

Rigward il-vettura Mercedes EAX-709, il-konvenut jghid li din inxtrat waqt iz-zwieg bi tpartit ma' vettura li kienet ghandu qabel iz-zwieg, izda b'zieda fuq il-prezz fis-somma ta' €4,600 li skont hu, thallset minn fondi parafernali tieghu. Kif gia` stabbilit, billi l-konvenut ma ressaqx evidenza biex jissostanzja din il-verzjoni, il-vettura qed titqies li tidhol fil-komunjoni. Konformament, din ghandha tinbiegh fuq is-suq bir-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-partijiet. L-istess qed jigi ordnat in kwantu ghall-vann Isuzu BBV-946 u l-vann Escort AAN-993.

Jigi ribadit li l-konvenut ma weriex b'mod sodisfacjenti li huwa wiret u akkwista b'donazzjoni l-flus li bihom huwa qal li akkwista l-vetturi fuq imsemmija waqt iz-zwieg, u ghalhekk il-Qorti mhijiex f'pozizzjoni li tillikwida xi kreditu parafernali a favur tieghu ghall-prezz ta' dawk il-vetturi li huwa jghid li xtrahom bl-uzu ta' fondi parafernali. **Beni Parafernali**

Il-konvenut fix-xhieda tieghu jaccetta li l-kamra tas-sodda, fridge u *appliances* fid-dar, inxtraw mill-attrici qabel iz-zwieg. Bhala *appliances*, fin-nota guramentata taghha tat-3 ta' Gunju 2014, l-attrici indikat li dawn jikkonsistu fi *fridge*, *cooker* u forn[23]. Billi jirrizulta li hemm qbil bejn il-partijiet li dawn il-mobbli nxtraw mill-attrici qabel iz-zwieg, il-Qorti tordna li dawn il-mobbli jigu assenjati lill-attrici.

Fl-imsemmija nota guramentata taghha, l-attrici tghid ukoll li hija kellha tmintax-il tazza li kienu taghha minn qabel iz-zwieg, kif ukoll television. Il-Qorti tosserva li diga` gew assenjati lill-attrici taht il-kappa "*Mobbli*", supra, it-tazzi li l-konvenut jghid li hija hadet maghha meta telqet mid-dar matrimonjali u ghalhekk mhux mehtieg li terga' taggudika dwarhom.

[23] Ara nota guramenta tal-attrici tat-3 ta' Gunju 2014, a fol. 64 *et seq*.

Dwar it-television li l-attrici wkoll tghid li huwa parafernali taghha u li jinsab fid-dar matrimonjali, jirrizulta li l-konvenut jichad li ghandu television fil-pussess tieghu. Izda billi l-attrici ma gabet ebda prova dwar l-akkwist ta' dan it-television, il-Qorti qed tichad it-talba li dan jigi assenjat lilha.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qed taqta' u tiddeciedi t-talbiet attrici u tiddisponi mir-risposta guramentata tal-konvenut billi:-

1. Tilqa' in parte l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet ghal ragunijiet imputabbli principalment lill-konvenut minhabba sevizzi u ingurji gravi kommessi fil-konfront ta' l-attrici, u sussidjarjament minhabba sevizzi kommessi mill-attrici fil-konfront tal-konvenut;

2. Tilqa' t-tieni talba u tapplika kontra l-konvenut is-sanzjonijiet kollha kontemplati fl-Artikolu 48 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Tilqa' t-tielet talba u tordna x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet u tillikwida l-istess komunjoni skont kif ordnat supra taht l-intestatura *"Komunjoni tal-Akkwisti"*;

4. Tilqa' r-raba' talba fis-sens kif ordnat *supra* taht l-intestatura "*Beni Parafernali*";

5. Tilqa' parzjalment il-hames talba attrici u tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici in linea ta' manteniment ta' bint il-partijiet, is-somma ta' mitejn hamsin Euro (€250) fix-xahar, liema somma tinkludi l-ispejjez kollha ta' edukazzjoni, sahha u attivitajiet tat-tifla, kollox skont kif ordnat *supra* taht l-intestatura *"Manteniment ghall-Minuri"*, filwaqt li tichad it-talba tal-attrici ghall-hlas ta' manteniment ghaliha;

6. Tilqa' s-sitt talba kif dedotta;

7. Tilqa' s-seba' talba u tawtorizza lill-attrici tirreverti ghal kunjom xbubitha, cioe` "Mifsud".

Dwar il-kontro-talba tal-konvenut, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba rikonvenzjonali parzjalment billi tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet ghal ragunijiet imputabbli principalment

lill-konvenut minhabba sevizzi u ingurji gravi kommessi fil-konfront ta' l-attrici, u sussidjarjament minhabba sevizzi kommessi mill-attrici fil-konfront tal-konvenut;

2. Tilqa' t-tieni talba rikonvenzjonali limitatament in kwantu tapplika fil-konfront tal-attrici s-sanzjonijiet kontemplati mill-Artikolu 48(1)(a);

3. Tilqa' t-tielet talba u tordna x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet u tillikwida l-istess komunjoni skont kif ordnat *supra* taht l-intestatura *"Komunjoni tal-Akkwisti"*;

4. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-raba' talba.

L-ispejjez tal-kawza, kemm tat-talba principali kif ukoll tal-kontro-talba, jithallsu in kwantu ghal kwart (1/4) mill-attrici u in kwantu ghal tlett kwarti (3/4) mill-konvenut.

**Imhallef** **Deputat Registratur**